REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/1267

tas-26 ta' Lulju 2019

li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' elettrodi tat-tungstenu li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina wara rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2016/1036

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 11(2) tiegħu,

Billi:

1. **PROĊEDURA**

1.1. **Miżuri fis-seħħ**

(1) F'Marzu 2007, wara investigazzjoni anti-dumping ("l-investigazzjoni oriġinali"), il-Kunsill impona bir-Regolament (KE) Nru 260/2007 ([2]) ("ir-Regolament definittiv"), dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti elettrodi tat-tungstenu li bħalissa jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM ex 8101 99 10 u ex 8515 90 80 (kodiċijiet TARIC 8101 99 10 10 u 8515 90 80 10) u li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ("ir-RPĊ").

(2) Ir-Regolament definittiv impona dazju anti-dumping b'rati li jvarjaw bejn is-17,0 % u l-41,0 % fuq importazzjonijiet mill-produtturi esportaturi li kkooperaw fil-kampjun u rata ta' dazju ta' 63,5 % fuq l-importazzjoni tal-produtturi esportaturi l-oħra kollha fir-RPĊ.

(3) Wara rieżami ta' skadenza (ir-"rieżami ta' skadenza preċedenti"), il-Kunsill iddeċieda, permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 508/2013 ([3]), li jżomm fis-seħħ id-dazju anti-dumping.

1.2. **Il-bidu ta' rieżami ta' skadenza**

(4) Fit-2 ta' Settembru 2017, il-Kummissjoni ppubblikat notifika ta' skadenza imminenti tal-miżuri anti-dumping fis-seħħ fuq l-importazzjonijiet tal-elettrodi tat-tungstenu li joriġinaw mir-RPĊ f'*Il-Ġurnal uffiċjali tal-Unjoni Ewropa* ([4]).

(5) Fis-27 ta' Frar 2018, żewġ produtturi tal-Unjoni (Gesellschaft für Wolfram Industrie mbH u Plansee SE) ("l-applikanti"), li jirrappreżentaw 100 % tal-produzzjoni totali tal-elettrodi tat-tungstenu fl-Unjoni Ewropea ("l-Unjoni"), ressqu talba għal rieżami ("it-Talba") skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea ([5]) ("ir-Regolament bażiku").

(6) L-applikanti bbażaw it-Talba tagħhom fuq ir-raġuni li l-iskadenza tal-miżuri x'aktarx twassal għall-kontinwazzjoni u għar-rikorrenza ta' dumping u dannu lill-industrija tal-Unjoni.

(7) Wara li stabbilixxiet li kien hemm biżżejjed provi għall-bidu ta' rieżami ta' skadenza, fil-31 ta' Mejju 2018, il-Kummissjoni ppubblikat notifika ta' bidu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([6]) (in-"Notifika ta' Bidu").

([1]) ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21.
([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 260/2007, ĠU L 72, 13.3.2007, p. 1.
([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 508/2013, ĠU L 150, 4.6.2013, p. 1.
([4]) ĠU C 292, 2.9.2017, p. 6.
([5]) ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21, kif emendat l-aħħar bir-Regolament (UE) 2018/825 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 (OJ L 143, 7.6.2018, p. 1).
([6]) ĠU C 186, 31.5.2018, p. 13.

1.3. **Il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami u l-perjodu taħt kunsiderazzjoni**

(8) L-investigazzjoni tal-probabbiltà ta' kontinwazzjoni jew rikorrenza ta' dumping u dannu kopriet il-perjodu mill-1 ta' April 2017 sal-31 ta' Marzu 2018 ("il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami" jew "PIR").

(9) L-istħarriġ ta' tendenzi rilevanti għall-valutazzjoni tal-probabbiltà ta' kontinwazzjoni jew ta' rikorrenza ta' ħsara kopra l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2014 sa tmiem il-perjodu tal-investigazzjoni tar-rieżami ("il-perjodu kkunsidrat").

1.4. **Partijiet interessati**

(10) Fin-notifika ta' bidu, il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati jikkuntattjawha sabiex jipparteċipaw fl-investigazzjoni. Barra minn hekk, il-Kummissjoni infurmat b'mod speċifiku lill-applikanti, lill-importaturi magħrufa u lill-utenti tal-elettrodi tat-tungstenu fl-Unjoni, lill-awtoritajiet fir-RPĊ u lill-produtturi magħrufa fir-RPĊ dwar il-bidu tar-rieżami ta' skadenza u stednithom jikkooperaw.

(11) Il-partijiet interessati kollha kellhom l-opportunità li jikkumentaw dwar il-bidu tal-investigazzjoni u jitolbu seduta ta' smigħ mal-Kummissjoni u/jew mal-Uffiċjal tas-Seduta fil-proċeduri kummerċjali. Ma wasal l-ebda kumment dwar il-Bidu jew talba għal smigħ.

1.5. **Teħid ta' kampjun**

(12) Fin-Notifika ta' bidu tagħha, il-Kummissjoni ddikjarat li tista' tieħu kampjun tal-partijiet interessati skont l-Artikolu 17 tar-Regolament bażiku.

1.5.1. *Teħid ta' kampjun ta' importaturi mhux relatati*

(13) Fin-Notifika ta' Bidu, il-Kummissjoni stiednet lill-importaturi sabiex jippreżentaw ruħhom u jipprovdu informazzjoni speċifika meħtieġa biex tiddeċiedi jekk it-teħid tal-kampjuni kienx meħtieġ u, jekk iva, biex tagħżel kampjun.

(14) Mis-46 importatur mhux relatat li ġew ikkuntattjati, ħames kumpaniji ppreżentaw ruħhom. Madankollu, tnejn minnhom ma kinux jimportaw l-elettrodi tat-tungstenu li joriġinaw mir-RPĊ matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami u t-tlieta li jifdal sostnew li huma utenti, mhux importaturi, u wieħed minnhom biss ried ikun parti interessata. Fi stadju aktar tard tal-investigazzjoni, ippreżenta ruħu importatur wieħed addizzjonali u dan ingħata l-istatus ta' parti interessata. Għalhekk, ma ntgħażel l-ebda kampjun ta' importaturi.

1.5.2. *Il-kampjunar tal-produtturi fir-RPĊ*

(15) Biex tiddeċiedi jekk il-kampjunar huwiex meħtieġ u, jekk iva, biex tagħżel kampjun, il-Kummissjoni talbet lill-produtturi magħrufa kollha fir-RPĊ sabiex jipprovdu l-informazzjoni speċifikata fin-Notifika ta' Bidu. Barra minn hekk, il-Kummissjoni talbet lill-Missjoni tar-RPĊ għall-Unjoni Ewropea biex tidentifika u/jew tikkuntattja produtturi oħra fir-RPĊ, jekk ikun hemm, li jistgħu jkunu interessati li jipparteċipaw fl-investigazzjoni.

(16) Tliet produtturi fir-RPĊ ipprovdew l-informazzjoni mitluba u qablu li jkunu inklużi fil-kampjun. Fid-dawl tal-għadd baxx ta' produtturi li kkooperaw, il-Kummissjoni ddeċiediet li ma kienx meħtieġ kampjunar u talbet lill-produtturi Ċiniżi kollha li jippreżentaw tweġibiet għall-kampjunar biex ilestu l-kwestjonarju.

1.6. **L-utenti**

(17) Fin-Notifika ta' Bidu, il-Kummissjoni stiednet lill-utenti jippreżentaw ruħhom u jikkooperaw. Kif spjegat fil-premessa (14), ippreżentaw ruħhom tliet utenti, iżda wieħed biss ried ikun irreġistrat bħala parti interessata.

1.7. **Tweġibiet għall-kwestjonarji**

(18) Il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarji liż-żewġ produtturi tal-Unjoni, lit-tliet produtturi fir-RPĊ li ppreżentaw ruħhom fl-eżerċizzju tal-kampjunar u lill-Gvern tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ("GTĊ"). It-tweġibiet għall-kwestjonarji waslu biss mingħand iż-żewġ produtturi tal-Unjoni u kumpanija Ċiniża waħda Shaanxi Yuheng Tungsten & Molybdenum Industrial Co., Ltd. Din il-kumpanija kienet il-produttur tal-prodott taħt rieżami kif definit fil-premessa (32), iżda bi produzzjoni attwalment sospiża b'involviment f'attivitajiet kummerċjali biss.

(19) Għalhekk, ma kien hemm l-ebda kooperazzjoni mill-GTĊ jew produtturi [7] tal-prodott taħt rieżami fir-RPĊ, irrispettivament minn jekk esportawx. Il-Kummissjoni infurmat lill-produtturi dwar il-konsegwenzi tan-nuqqas ta' kooperazzjoni; madankollu, l-ebda produttur esportatur ma kkoopera fl-investigazzjoni.

1.8. **Żjarat ta' verifika**

(20) Il-Kummissjoni fittxet u vverifikat l-informazzjoni kollha li qieset li kienet meħtieġa għad-determinazzjoni tal-probabbiltà ta' kontinwazzjoni jew rikorrenza ta' dumping u dannu u l-interess tal-Unjoni. Iż-żjarat ta' verifika skont l-Artikolu 16 tar-Regolament bażiku twettqu fl-uffiċċji tal-kumpaniji li ġejjin:

Produtturi tal-Unjoni

— Gesellschaft für Wolfram Industrie mbH, Traunstein, il-Ġermanja,

— Plansee SE, Reutte, l-Awstrija;

Esportaturi fir-RPĊ

— Shaanxi Yuheng Tungsten & Molybdenum Industrial Co., Ltd, Baoji, Shaanxi, RPĊ.

1.9. **Il-proċedura għad-determinazzjoni tal-valur normali skont l-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku**

(21) Fid-dawl tal-evidenza suffiċjenti disponibbli fil-bidu tal-investigazzjoni li għandha t-tendenza li turi l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti skont it-tifsira tal-punt (b) tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni qieset li huwa xieraq li tiftaħ investigazzjoni abbażi tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku.

(22) Konsegwentement, sabiex tinġabar id-data meħtieġa għall-applikazzjoni eventwali tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku, fin-Notifika ta' Bidu l-Kummissjoni stiednet lill-produtturi magħrufa kollha fir-RPĊ biex jipprovdu l-informazzjoni mitluba fl-Anness III tan-Notifika ta' Bidu fir-rigward tal-inputs użati għall-produzzjoni tal-prodott taħt rieżami. Żewġ produtturi Ċiniżi pprovdew informazzjoni f'dan ir-rigward.

(23) Kif spjegat fil-premessa (18), sabiex tikseb l-informazzjoni li tqis bħala meħtieġa għall-investigazzjoni tagħha fir-rigward tal-allegati distorsjonijiet sinifikanti skont it-tifsira tal-punt (b) tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni bagħtet ukoll kwestjonarju lill-GTĊ. Ma waslet l-ebda tweġiba mill-GOC.

(24) Fin-Notifika ta' Bidu, il-Kummissjoni stiednet ukoll lill-partijiet interessati kollha jressqu l-fehmiet tagħhom, jippreżentaw informazzjoni u jipprovdu evidenza ta' sostenn fir-rigward tal-adegwatezza tal-applikazzjoni tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku fi żmien 37 jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din in-Notifika f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Ma waslet l-ebda preżentazzjoni jew evidenza addizzjonali f'dak ir-rigward mill-GTĊ jew mill-produtturi fir-RPĊ.

(25) Fin-Notifika ta' Bidu, il-Kummissjoni speċifikat ukoll li, fid-dawl tal-evidenza disponibbli, din jista' jkollha bżonn tagħżel pajjiż rappreżentattiv xieraq skont l-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku biex jiġi ddeterminat il-valur normali fuq il-bażi ta' prezzijiet jew ta' valuri referenzjarji mhux distorti.

---

[7] Produttur huwa kwalunkwe kumpanija fil-pajjiż ikkonċernat li tipproduċi l-prodott taħt rieżami, inkluża kwalunkwe kumpanija relatata magħha involuta fil-produzzjoni, fil-bejgħ domestiku jew fl-esportazzjonijiet tal-prodott taħt rieżami.

(26) Fit-8 ta' Novembru 2018, il-Kummissjoni għamlet disponibbli l-ewwel nota għall-fajl ("In-nota tat-8 ta' Novembru 2018") li fittxet l-opinjonijiet tal-partijiet interessati dwar is-sorsi rilevanti li l-Kummissjoni tista' tuża sabiex tiddetermina l-valur normali. In-Nota tat-8 ta' Novembru 2018 ipprovdiet lista tal-fatturi kollha tal-produzzjoni bħall-materjali, l-enerġija u l-manodopera li jintużaw fil-produzzjoni tal-prodott taħt rieżami mill-produtturi esportaturi. Barra minn hekk, filwaqt li qieset il-kriterji li ggwidaw l-għażla tal-prezzijiet jew tal-parametri referenzjarji mhux distorti, f'dak l-istadju, is-servizzi tal-Kummissjoni identifikaw lill-Brażil, lill-Messiku, lir-Russja u lit-Turkija bħala pajjiżi rappreżentattivi potenzjali. In-Nota tat-8 ta' Novembru 2018 indikat ukoll il-ħsieb li tuża parametri referenzjarji internazzjonali għall-kost tal-materja prima ewlenija.

(27) Il-partijiet interessati kollha ngħataw l-opportunità li jikkummentaw dwar dan fi żmien għaxart 10 ijiem. Il-kummenti waslu miż-żewġ produtturi tal-Unjoni. B'mod partikolari, l-industrija tal-Unjoni ssottomettiet li l-kostijiet fit-Turkija jipprovdu bażi aħjar mill-Messiku, mill-Brażil jew mir-Russja.

(28) Il-Kummissjoni indirizzat il-kummenti li rċeviet mingħand iż-żewġ produtturi tal-Unjoni fit-Tieni Nota dwar is-sorsi għad-determinazzjoni tal-valur normali tas-6 ta' Marzu 2019. ("in-Nota tas-6 ta' Marzu 2019"). Fin-Nota tas-6 ta' Marzu 2019, abbażi tal-informazzjoni disponibbli f'dak l-istadju, il-Kummissjoni identifikat lit-Turkija bħala l-aktar pajjiż rappreżentattiv xieraq skont l-Artikolu 2(6a)(a), l-ewwel inċiż tar-Regolament bażiku. In-Nota tas-6 ta' Marzu 2019 indikat ukoll li fir-rigward tal-kostijiet lavorattivi u tal-elettriku, il-Kummissjoni kien beħsiebha tuża d-data ppubblikata mill-Istitut Statistiku tat-Turkija. Indikat ukoll li abbażi tal-informazzjoni disponibbli, donnu jidher li m'hemm l-ebda produzzjoni tal-prodott taħt rieżami barra mir-RPĊ u mill-Unjoni. Għalhekk, il-Kummissjoni indikat li kien beħsiebha tuża d-data disponibbli għall-pubbliku miż-żewġ produtturi tal-Unjoni li kooperaw għall-kostijiet ġenerali tal-manifattura, l-SG&A u l-profitti. Għall-prezz nett tal-materja prima (ossidu tat-tungstenu inkluż fil-paratungstat tal-ammonju ("APT")), se jintuża l-parametru referenzjarju internazzjonali ta' "the Platts Metals Week" kif ippubblikat miċ-Ċentru Nazzjonali tal-Informazzjoni dwar il-Minerali tal-Istħarriġ Ġeoloġiku tal-Istati Uniti.

(29) Il-partijiet interessati kollha ngħataw l-opportunità li jikkummentaw dwar dan fi żmien għaxart 10 ijiem, imma ma wasal l-ebda kumment.

1.9.1. *Proċedura sussegwenti*

(30) Fis-6 ta' Mejju 2019, il-Kummissjoni ddivulgat il-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali li fuq il-bażi tagħhom kien beħsiebha żżomm id-dazji anti-dumping ("id-divulgazzjoni finali"). Il-partijiet kollha ingħataw perjodu li fih setgħu jikkummentaw dwar din id-divulgazzjoni u jitolbu seduta ta' smigħ mal-Kummissjoni u/jew mal-Uffiċjal tas-Seduta fil-proċedimenti tal-kummerċ.

(31) Parti waħda kkummentat, u enfasizzat kwistjonijiet diġà spjegati kif xieraq f'dan ir-regolament. Ma waslet l-ebda talba għal smigħ.

2. IL-PRODOTT TAĦT RIEŻAMI U L-PRODOTT SIMILI

2.1. Il-prodott taħt rieżami

(32) Il-prodott taħt rieżami huwa l-istess bħal fl-investigazzjoni oriġinali, jiġifieri l-elettrodi tat-tungstenu għall-iwweldjar, inkluż biċċiet (bars) u vireg tat-tungstenu għall-elettrodu għall-iwweldjar, li fihom 94 % jew aktar tal-piż ta' tungstenu, għajr dawk miksuba sempliċement bis-sinterizzazzjoni, kemm jekk ikunu maqtugħa għall-qies jew le, li bħalissa jaqgħu skont il-kodiċijiet NM ex 8101 99 10 u ex 8515 90 80 (kodiċijiet TARIC 8101 99 10 10 u 8515 90 80 10) ("il-prodott taħt rieżami").

(33) Il-prodott taħt rieżami jintuża fl-iwweldjar u fi proċessi simili, inklużi l-iwweldjar bl-ilqugħ bl-ark tal-gass inerti tat-tungstenu (TIG), l-iwweldjar u t-tqattigħ bl-ark tal-plażma. Dawn il-proċessi jintużaw f'varjetà kbira ta' setturi industrijali bħalma huma l-kostruzzjoni, il-bini tal-vapuri, il-manifattura tal-karozzi, l-inġinerija tal-baħar, l-inġinerija kimika u dik nukleari u l-ajruspazju kif ukoll il-linji ta' pajpijiet taż-żejt u tal-gass. Fuq il-bażi tal-karatteristiċi fiżiċi u kimiċi u tas-sostitwibbiltà tat-tipi differenti tal-prodott mill-perspettiva tal-utent, għall-għan ta' dan il-proċediment, l-elettrodi tat-tungstenu kollha huma meqjusa li jikkostitwixxu prodott wieħed.

2.2. **Il-prodott simili**

(34) L-ebda parti interessata ma kkummentat dwar il-prodott simili. Għalhekk, kif ġie stabbilit fl-investigazzjoni oriġinali, din l-investigazzjoni tar-rieżami ta' skadenza kkonfermat li l-prodott magħmul u mibjugħ fis-swieq domestiċi tar-RPĊ, u l-prodott magħmul u mibjugħ fl-Unjoni mill-produtturi tal-Unjoni għandhom l-istess karatteristiċi fiżiċi u tekniċi bażiċi u utenti aħħarija. Għalhekk, jitqiesu bħala prodotti simili fis-sens tal-Artikolu 1(4) tar-Regolament bażiku.

3. **IL-PROBABBILTÀ TAL-KONTINWAZZJONI TA' DUMPING**

3.1. **Kummenti preliminari għar-RPĊ**

(35) F'konformità mal-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat jekk huwiex probabbli li l-iskadenza tal-miżuri fis-seħħ twassal għal kontinwazzjoni jew għal rikorrenza tad-dumping mir-RPĊ.

(36) Kif imsemmi fil-premessi (18) u (19), l-ebda wieħed mill-produtturi Ċiniżi ma kkoopera fl-investigazzjoni. Il-produtturi Ċiniżi ma ppreżentawx it-tweġibiet għall-kwestjonarju, inkluż kwalunkwe data dwar il-prezzijiet u l-kostijiet tal-esportazzjoni, il-prezzijiet u l-kostijiet domestiċi, il-kapaċità, il-produzzjoni, l-investimenti, eċċ. Bl-istess mod, il-GTĊ u l-produtturi Ċiniżi ma ppreżentaw l-ebda kumment dwar l-evidenza f'dan il-fajl tal-każ, inkluż ir-Rapport. Għalhekk, il-Kummissjoni rrikorriet għall-użu tal-fatti disponibbli f'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku.

(37) Il-Kummissjoni nnotifikat lill-awtoritajiet Ċiniżi u liż-żewġ produtturi Ċiniżi, li ppreżentaw ruħhom għall-eżerċizzju tal-kampjunar, dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku u tathom l-opportunità li jikkummentaw. Ma wasal l-ebda kumment li seta' jibdel l-użu tal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku.

(38) Abbażi ta' dan, f'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku, is-sejbiet fir-rigward tal-probabbiltà ta' kontinwazzjoni jew rikorrenza ta' dumping stabbiliti hawn taħt kienu bbażati fuq il-fatti disponibbli, b'mod partikolari l-informazzjoni inkluża fit-Talba, fis-sottomissjonijiet mill-partijiet interessati, l-istatistika disponibbli fl-Artikolu 14(6) tal-bażi tad-data tar-Regolament bażiku u sorsi pubbliċi oħra identifikati fejn applikabbli hawn taħt.

3.2. **Dumping matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami**

(39) Għall-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, id-data statistika mill-Artikolu 14(6) tal-bażi tad-data tar-Regolament bażiku turi li ġew importati 45 000-50 000 kg ta' elettrodi tat-tungstenu fl-Unjoni mir-RPĊ li jikkostitwixxu 40-50 % tal-konsum totali tal-Unjoni. Konsegwentement, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-importazzjonijiet attwali fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami kienu rappreżentattivi u, għalhekk, eżaminat jekk id-dumping tkompliex matul il-perjodu tal-investigazzjoni tar-rieżami.

3.3. **Valur normali**

(40) Skont l-Artikolu 2(1) tar-Regolament bażiku, "il-valur normali għandu normalment ikun ibbażat fuq il-prezzijiet imħallsa jew pagabbli, fit-tmexxija ordinarja tal-kummerċ, minn klijenti indipendenti mill-pajjiż esportatur".

(41) Madankollu, skont l-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku, *"(f)'każ li jiġi ddeterminat […] li mhuwiex xieraq li jintużaw prezzijiet u kostijiet domestiċi fil-pajjiż esportatur minħabba l-eżistenza f'dak il-pajjiż ta' distorsjonijiet sinifikanti fis-sens tal-punt (b), il-valur normali għandu jiġi kkalkolat esklużivament abbażi tal-kostijiet tal-produzzjoni u tal-bejgħ li jirriflettu prezzijiet jew valuri ta' riferiment mingħajr distorsjoni"*, u *"għandu jinkludi ammont raġonevoli u mingħajr distorsjoni għal kostijiet amministrattivi, tal-bejgħ u ġenerali u għal profitti"*. Kif spjegat aktar hawn taħt, il-Kummissjoni kkonkludiet f'din l-investigazzjoni li, abbażi tal-evidenza disponibbli, u fid-dawl tan-nuqqas ta' kooperazzjoni mill-GTĊ u mill-produtturi esportaturi, l-applikazzjoni tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku kienet xierqa.

3.3.1. *L-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti*

3.3.1.1. Introduzzjoni

(42) Skont l-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku jiddefinixxi "*distorsjonijiet sinifikanti bħala dawk id-distorsjonijiet li jseħħu meta l-prezzijiet jew il-kostijiet irrapportati, inklużi l-kostijiet tal-materja prima u tal-enerġija, ma jkunux ir-riżultat ta' forzi tas-suq ħieles għaliex dawn jiġu affettwati minn intervent sostanzjali tal-gvern. Meta tkun valutata l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti għandha tingħata attenzjoni, inter alia, lill-impatt potenzjali ta' element wieħed jew aktar mis-segwenti:*

— *is-suq inkwistjoni li hu servut f'miżura sinifikanti minn intrapriżi li joperaw taħt is-sjieda, kontroll jew superviżjoni politika jew gwida tal-awtoritajiet tal-pajjiż esportatur;*

— *il-preżenza tal-istat f'ditti li jippermettu lill-istat jinterferixxi fir-rigward tal-prezzijiet jew tal-kostijiet;*

— *politiki jew miżuri pubbliċi li jiddiskriminaw favur fornituri domestiċi jew li jinfluwenzaw il-forzi tas-suq ħieles b'mod ieħor;*

— *in-nuqqas, l-applikazzjoni diskriminatorja jew l-infurzar inadegwat tal-liġijiet fil-qasam tal-fallimenti, dak soċjetarju jew dak tal-proprjetà;*

— *il-kostijiet tal-pagi soġġetti għal distorsjoni;*

— l-aċċess għall-finanzi mogħtija minn istituzzjonijiet li jimplimentaw objettivi ta' ordni pubbliku jew li b'xi mod ieħor ma jaġixxux indipendentement mill-istat".

(43) Skont l-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku, il-valutazzjoni tal-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 2(6a)(a) għandha tqis, fost l-oħrajn, il-lista ta' elementi mhux eżawrjenti fid-dispożizzjoni ta' qabel. Skont l-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku, fil-valutazzjoni tal-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti, għandhom jitqiesu l-impatt potenzjali ta' wieħed jew aktar minn dawn l-elementi fuq il-prezzijiet u l-ispejjeż fil-pajjiż esportatur tal-prodott ikkonċernat. Fil-fatt, billi dik il-lista mhijiex kumulattiva, ma hemmx għalfejn li jitqiesu l-elementi kollha biex tkun ikun hemm sejba ta' distorsjonijiet sinifikanti. Barra minn hekk, l-istess ċirkostanzi fattwali jistgħu jintużaw meta jiġu vvalutati l-elementi differenti tal-lista. Madankollu, kwalunkwe konklużjoni dwar distorsjonijiet sinifikanti fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 2(6a)(a) trid issir abbażi tal-evidenza kollha inkwistjoni. Il-valutazzjoni ġenerali dwar l-eżistenza tad-distorsjonijiet tista' tqis ukoll il-kuntest u s-sitwazzjoni ġenerali fil-pajjiż esportatur, b'mod partikolari meta l-elementi fundamentali tal-istruttura ekonomika u amministrattiva tal-pajjiż esportatur tagħti lill-gvern setgħat sostantivi biex jintervjeni f'forzi tas-suq u li għalhekk tindika l-fatt li l-prezzijiet u l-kostijiet mhumiex ir-riżultat ta' forzi tas-suq ħieles.

(44) L-Artikolu 2(6a)(c) tar-Regolament bażiku jipprevedi li "[f]ejn il-Kummissjoni jkollha indikazzjonijiet fondati sew tal-eżistenza potenzjali ta' distorsjonijiet sinifikanti kif imsemmija fil-punt (b) f'ċertu pajjiż jew f'ċertu settur f'dak il-pajjiż, u fejn ikun xieraq għall-applikazzjoni effettiva ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tipproduċi, tippubblika u taġġorna regolarment rapport li jiddeskrivi ċ-ċirkostanzi tas-suq imsemmija fil-punt (b) f'dak il-pajjiż jew settur."

(45) Il-partijiet interessati kienu mistiedna jirribattu, jikkummentaw jew jissupplimentaw l-evidenza li kienet fil-fajl tal-investigazzjoni fil-mument tal-bidu. F'dak ir-rigward, il-Kummissjoni tibbaża fuq ir-Rapport ([8]) li juri l-eżistenza ta' intervent sostanzjali tal-gvern f'ħafna livelli tal-ekonomija, inklużi distorsjonijiet speċifiċi f'fatturi ewlenin tal-produzzjoni (bħall-art, l-enerġija, il-kapital, il-materja prima u x-xogħol), kif ukoll f'setturi speċifiċi (bħall-azzar u s-sustanzi kimiċi). Ir-Rapport tqiegħed fil-fajl tal-investigazzjoni fl-istadju tal-bidu. It-talba kien fiha wkoll xi evidenza rilevanti li tikkomplementa r-Rapport.

(46) Fit-talba, l-applikanti jirreferu għad-distorsjonijiet fl-industrija tat-tungstenu elenkati fir-Rapport, u b'mod aktar speċifiku:

— il-miżuri mill-GTĊ biex tiġi limitata l-kapaċità u jiġu appoġġjati l-prodotti downstream: il-limiti fuq l-għadd ta' liċenzji għall-estrazzjoni u l-esportazzjoni, il-kwoti tal-produzzjoni u restrizzjonijiet addizzjonali għall-estrazzjoni u l-ipproċessar;

([8]) Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni dwar Distorsjonijiet Sinifikanti fl-Ekonomija tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina għall-finijiet ta' Investigazzjonijiet għall-Protezzjoni tal-Kummerċ.

— il-pjanijiet biex jitnaqqas l-output tal-konċentrati tat-tungstenu li tħabbru fl-2016 minn tmien produtturi kbar fir-RPĊ, wara talba mill-Assoċjazzjoni tal-Industrija tat-Tungstenu taċ-Ċina;

— it-tungstenu huwa parti mit-13-il Pjan ta' Ħames Snin għar-Riżorsi Minerali u huwa regolat b'mod estensiv;

— it-tungstenu huwa soġġett għal rekwiżiti ta' ħruġ ta' liċenzji għall-esportazzjoni, li jippermettu biss lil ċerti Intrapriżi Kummerċjali Statali biex jikkummerċjalizzaw it-tungstenu;

— il-kwoti tal-esportazzjoni; kif ukoll

— il-ħażna tal-istokk.

(47) Il-Kummissjoni eżaminat jekk kienx xieraq li jintużaw prezzijiet u kostijiet domestiċi fir-RPĊ minħabba l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti fit-tifsira tal-punt (b) tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku. Il-Kummissjoni għamlet dan abbażi tal-evidenza disponibbli dwar il-fajl, inkluża l-evidenza inkluża fir-Rapport, li jibbaża fuq sorsi disponibbli għall-pubbliku, b'mod partikolari fuq il-leġiżlazzjoni Ċiżina, id-dokumenti ta' politika uffiċjali ppubblikati Ċiniżi, ir-rapporti ppubblikati minn organizzazzjonijiet internazzjonali u studji/artikli ta' akkademiċi, identifikati b'mod speċjali fir-Rapport. Dik l-analiżi kopriet l-eżami tal-interventi sostanzjali tal-gvern fl-ekonomija tiegħu b'mod ġenerali, iżda wkoll is-sitwazzjoni speċifika tas-suq fis-settur rilevanti, inkluż il-prodott taħt rieżami.

(48) Kif speċifikat fil-premessi (18) u (19), la l-GTĊ u lanqas il-produtturi Ċiniżi ma kkummentaw jew ipprovdew evidenza li tappoġġja jew tirribatti l-evidenza eżistenti dwar il-fajl tal-każ, inkluż ir-Rapport, u l-evidenza addizzjonali pprovduta mill-applikanti, dwar l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti u/jew dwar l-adegwatezza tal-applikazzjoni tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku fil-każ inkwistjoni.

3.3.1.2. Distorsjonijiet sinifikanti li jaffettwaw il-prezzijiet u l-kostijiet domestiċi fir-RPĊ: il-kuntest ekonomiku ġenerali

(49) Is-sistema ekonomika taċ-Ċina hija bbażata fuq il-kunċett ta' "ekonomija tas-suq soċjalista". Dak il-kunċett huwa inkorporat fil-Kostituzzjoni Ċiniża u jiddetermina l-governanza ekonomika tar-RPĊ. Il-prinċipju fundamentali hu "s-sjieda pubblika soċjalista tal-mezzi tal-produzzjoni, jiġifieri, is-sjieda mill-persuni kollha u s-sjieda kollettiva mill-ħaddiema". L-ekonomija tal-Istat hija "*l-forza mexxejja tal-ekonomija nazzjonali*" u l-Istat għandu l-mandat "*li jiżgura l-konsolidazzjoni u t-tkabbir tagħha*" ([9]). Konsegwentement, l-istruttura ġenerali tal-ekonomija Ċiniża mhux biss tippermetti interventi sostanzjali tal-gvern fl-ekonomija, iżda tali interventi huma obbligatorji b'mod espliċitu. Il-kunċett ta' supremazija tas-sjieda pubblika fuq is-sjieda privata hu mifrux fis-sistema legali sħiħa u hu enfasizzat bħala prinċipju ġenerali fil-partijiet fundamentali kollha tal-leġiżlazzjoni. Il-liġi Ċiniża fil-qasam tal-proprjetà hi eżempju ċarissimu: din tirreferi għall-istadju primarju tas-soċjaliżmu u tafda lill-Istat bil-ħarsien tas-sistema ekonomika bażika li skontha s-sjieda pubblika għandha rwol dominanti. Forom oħra ta' sjieda huma tollerati, fejn il-liġi tippermettilhom jiżviluppaw spalla ma' spalla mas-sjieda tal-Istat ([10]).

(50) Barra minn hekk, taħt il-leġiżlazzjoni Ċiniża, l-ekonomija tas-suq soċjalista hi żviluppata taħt it-tmexxija tal-Partit Komunista Ċiniż ("CCP", Chinese Communist Party). L-istruttura tal-Istat Ċiniż u tas-CCP huma marbutin ma' xulxin f'kull livell (legali, istituzzjonali, personali), li jiffurmaw superstruttura li fiha ma tkunx tista' ssir distinzjoni bejn ir-rwoli tas-CCP u tal-Istat. Wara emenda tal-Kostituzzjoni Ċiniża f'Marzu 2018, ir-rwol mexxej tas-CCP ingħata prominenza saħansitra akbar b'sejba li ġiet affermata mill-ġdid fit-test tal-Artikolu 1 tal-Kostituzzjoni. Wara l-ewwel sentenza eżistenti tad-dispożizzjoni: "[is-]*sistema soċjalista hija s-sistema bażika tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina*", iddaħħlet it-tieni sentenza ġdida li tgħid: "[il-]*karatteristika li tiddefinixxi s-soċjaliżmu b'karatteristiċi Ċiniżi hi t-tmexxija tal-Partit Komunista taċ-Ċina.*" ([11]) Dan juri l-kontroll tas-CCP fuq is-sistema ekonomika tar-RPĊ. Dan il-kontroll hu inerenti għas-sistema Ċiniża u jmur lil hinn mis-sitwazzjoni abitwali fil-pajjiżi l-oħra fejn il-gvernijiet jeżerċitaw kontroll makroekonomiku mifrux f'qafas affettwat minn forzi tas-suq ħieles.

([9]) Ir-Rapport – il-Kapitolu 2, p. 6-7.
([10]) Ir-Rapport – il-Kapitolu 2, p. 10.
([11]) http://en.pkulaw.cn/display.aspx?cgid=311950&lib=law.

(51) L-Istat Ċiniż iwettaq politika ekonomika intervenzjonista biex isegwi għanijiet li jikkoinċidu mal-aġenda politika stipulata mis-CCP, minflok ma jirrifletti l-kundizzjonijiet ekonomiċi prevalenti f'suq ħieles ([12]). L-għodod ekonomiċi intervenzjonisti użati mill-awtoritajiet Ċiniżi jinqasmu f'diversi frieghi, inklużi s-sistema tal-ippjanar industrijali, is-sistema finanzjarja, kif ukoll fil-livell tal-ambjent regolatorju.

(52) L-ewwel nett, fil-livell ta' kontroll amministrattiv globali, id-direzzjoni tal-ekonomija Ċiniżi hija regolata minn sistema kumplessa ta' ppjanar industrijali li taffettwa l-attivitajiet ekonomiċi kollha fil-pajjiż. It-totalità ta' dawn il-pjanijiet tkopri matriċi komprensiva u kumplessa ta' setturi u politiki trażversali u hija preżenti fil-livelli kollha tal-gvern. Il-pjanijiet fil-livell provinċjali huma dettaljati filwaqt li l-pjanijiet nazzjonali jistabbilixxu miri kemxejn usa'. Il-pjanijiet jispeċifikaw ukoll il-mezzi sabiex jiġu appoġġjati l-industriji/is-setturi rilevanti kif ukoll il-perjodi ta' żmien li fihom jeħtieġ li jintlaħqu l-objettivi. Xi pjanijiet jinkludu miri espliċiti tal-output. Taħt il-pjanijiet, setturi industrijali u/jew proġetti individwali qed jiġu identifikati bħala prijoritajiet (pożittivi jew negattivi) skont il-prijoritajiet tal-gvern u huma attribwiti lilhom għanijiet speċifiċi ta' żvilupp (ammeljorament industrijali, espansjoni internazzjonali, eċċ.). L-operaturi ekonomiċi, privati u tal-Istat bl-istess mod għandhom jaġġustaw b'mod effettiv l-attivitajiet kummerċjali tagħhom skont ir-realtajiet imposti mis-sistema tal-ippjanar. In-natura vinkolanti tal-pjanijiet u l-fatt li l-awtoritajiet Ċiniżi rilevanti fil-livelli kollha tal-gvern jaderixxu mas-sistema ta' pjanijiet u jużaw is-setgħat mogħtija lilhom kif xieraq, u jipperswadu lill-operaturi ekonomiċi sabiex jikkonformaw mal-prijoritajiet stabbiliti fil-pjanijiet (ara wkoll it-Taqsima 3.3.1.5 t'hawn taħt) ([13]).

(53) It-tieni nett, fil-livell tal-allokazzjoni tar-riżorsi finanzjarji, is-sistema finanzjarja tar-RPĊ hi ddominata mill-banek kummerċjali tal-Istat. Dawk il-banek, meta jkunu qed jistabbilixxu u jimplementaw il-politika tas-self tagħhom, jeħtieġ li jallinjaw ruħhom mal-objettivi tal-politika industrijali tal-gvern minflok ma primarjament jivvalutaw il-merti ekonomiċi ta' proġett partikolari (ara wkoll it-taqsima 3.3.1.8) ([14]). L-istess japplika għall-komponenti l-oħra tas-sistema finanzjarja Ċiniża, bħas-swieq tal-istokks, is-swieq tal-bonds, is-swieq tal-ekwità privata, eċċ. Minkejja s-sinifikat aktar baxx meta mqabbla mas-settur bankarju, dawn il-partijiet tas-settur finanzjarju huma istituzzjonalment u operazzjonalment stabbiliti b'mod li mhuwiex xprunat biex jisfrutta bl-aħjar mod il-funzjonament effiċjenti tas-swieq finanzjarji iżda biex jiżgura l-kontroll u jippermetti l-intervent mill-Istat u mis-CCP ([15]).

(54) It-tielet, fil-livell tal-ambjent regolatorju, l-interventi mill-Istat fl-ekonomija jieħdu għadd ta' forom. Pereżempju, ir-regoli tal-akkwist pubbliku jintużaw regolarment sabiex jintlaħqu għanijiet ta' politika għajr l-effiċjenza ekonomika, u b'hekk idgħajfu l-prinċipji bbażati fuq is-suq fil-qasam. Il-leġiżlazzjoni applikabbli tipprevedi b'mod speċifiku li l-akkwist pubbliku għandu jsir sabiex tiġi ffaċilitata l-kisba tal-għanijiet imfassla mill-politiki tal-Istat. Madankollu, in-natura ta' dawn l-għanijiet għadha mhix definita, li b'hekk tħalli marġni wiesa' ta' apprezzament għall-korpi tat-teħid ta' deċiżjonijiet ([16]). Bl-istess mod, fil-qasam tal-investiment, il-gvern Ċiniż iżomm kontroll u influwenza sinifikanti fuq id-destinazzjoni u l-kobor kemm tal-investiment tal-Istat kif ukoll tal-investiment privat. L-iskrinjar tal-investiment, kif ukoll diversi inċentivi, restrizzjonijiet, u projbizzjonijiet relatati mal-investiment jintużaw mill-awtoritajiet bħala għodda importanti biex jiġu appoġġjati l-għanijiet tal-politika industrijali bħaż-żamma tal-kontroll tal-Istat fuq setturi ewlenin jew it-tisħiħ tal-industrija domestika ([17]).

(55) Fil-qosor, il-mudell ekonomiku Ċiniż huwa bbażat fuq ċerti azzjonijiet bażiċi li jipprovdu għal u li jheġġu interventi tal-gvern li jinqasmu f'diversi frieghi. Tali interventi sostanzjali tal-gvern jinsabu f'kunflitt mal-azzjoni libera tal-forzi tas-suq, u dan jirriżulta fid-distorsjoni tal-allokazzjoni effettiva tar-riżorsi f'konformità mal-prinċipji tas-suq ([18]).

3.3.1.3. Distorsjonijiet sinifikanti skont l-Artikolu 2(6a)(b), l-ewwel inċiż tar-Regolament bażiku: is-suq inkwistjoni li hu servut f'miżura sinifikanti minn intrapriżi li joperaw taħt is-sjieda, kontroll jew superviżjoni politika jew gwida tal-awtoritajiet tal-pajjiż esportatur

(56) Fir-RPĊ, l-intrapriżi li joperaw taħt is-sjieda, il-kontroll u s-superviżjoni jew il-gwida tal-politika mill-Istat, jirrappreżentaw parti essenzjali mill-ekonomija.

([12]) Ir-Rapport – il-Kapitolu 2, p. 20-21.
([13]) Ir-Rapport – il-Kapitolu 3, p. 41, 73-74.
([14]) Ir-Rapport – il-Kapitolu 6, p. 120-121.
([15]) Ir-Rapport – il-Kapitolu 6. p. 122 -135.
([16]) Ir-Rapport – il-Kapitolu 7, p. 167-168.
([17]) Ir-Rapport – il-Kapitolu 8, p. 169-170, 200-201.
([18]) Ir-Rapport – il-Kapitolu 2, p. 15-16, Rapport – il-Kapitolu 4, p. 50, p. 84, Rapport – il-Kapitolu 5, p. 108-9.

(57) Fir-rigward tas-sjieda tal-Istat, jippersisti livell sostazjali ta' sjieda mill-gvern Ċiniż fis-settur tat-tungstenu. Il-maġġoranza tal-kumpaniji l-kbar tal-estrazzjoni tat-tungstenu huma proprjetà tal-Istat, peress li l-liċenzji għall-estrazzjoni tat-tungstenu jingħataw l-aktar lis-SEOs ([19]).

(58) Fir-rigward tal-kontroll mill-Istat, il-gvern u s-CCP iħaddnu strutturi li jiżguraw l-influwenza kontinwa tagħhom fuq l-intrapriżi. L-Istat (u f'ħafna aspetti anke s-CCP) mhux biss jifformula u jissorvelja b'mod attiv l-implimentazzjoni tal-politiki ekonomiċi ġenerali minn intrapriżi individwali, iżda jiddikjara wkoll id-drittijiet tiegħu li jipparteċipa fit-teħid ta' deċiżjonijiet operazzjonali tagħhom. L-elementi li jindikaw l-eżistenza ta' kontroll mill-gvern fuq l-intrapriżi fl-industrija tat-tungstenu jinkludu l-liċenzji għall-estrazzjoni, ir-restrizzjonijiet fuq l-investiment, u r-restrizzjonijiet fuq l-esportazzjonijiet ([20]). Barra minn hekk, hemm għadd kbir ta' għanijiet u kwoti ddettaljati stabbiliti fit-13-il Pjan ta' Ħames Snin għall-Industrija tal-Metalli Mhux tal-Ħadid (it-13-il FYP għall-Industrija tal-Metalli Mhux tal-Ħadid) ([21]).

(59) Fir-rigward tas-superviżjoni u tal-gwida tal-politika mill-Istat fis-settur, l-analiżi hija stabbilita fit-taqsimiet 3.3.1.4 u 3.3.1.5 t'hawn taħt. Bil-livell għoli ta' kontroll u intervent mill-gvern fis-settur tat-tungstenu kif deskritt hawn taħt, anke l-produtturi tat-tungstenu bi sjieda privata huma mwaqqfa milli joperaw skont il-kundizzjonijiet tas-suq.

(60) Abbażi ta' dan t'hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li s-suq għall-elettrodi tat-tungstenu fir-RPĊ kien servut b'mod sinifikanti mill-intrapriżi soġġetti għall-kontroll jew għas-superviżjoni jew għall-gwida tal-politika mill-gvern Ċiniż.

3.3.1.4. Distorsjonijiet sinifikanti skont it-tieni inċiż tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku: Il-preżenza tal-Istat f'ditti li jippermettu lill-Istat jinterferixxi fir-rigward tal-prezzijiet jew tal-kostijiet

(61) L-Istat Ċiniż qiegħed f'pożizzjoni li jinterferixxi fil-prezzijiet u fil-kostijiet permezz tal-preżenza tal-Istat fid-ditti. Filwaqt li d-dritt li l-awtoritajiet rilevanti tal-Istat jaħtru u jneħħu persunal maniġerjali ewlieni fl-SOEs, kif previst fil-leġiżlazzjoni Ċiniża, jista' jitqies bħala li jirrifletti d-drittijiet tas-sjieda korrispondenti ([22]), iċ-ċelloli tas-CCP fl-intrapriżi, kemm f'tal-Istat kif ukoll f'dawk privati, jirrappreżentaw mezz ieħor li permezz tiegħu l-Istat jista' jinterferixxi fid-deċiżjonijiet kummerċjali. Skont il-liġi tal-kumpaniji taċ-Ċina, f'kull kumpanija għandha tiġi stabbilita organizzazzjoni tas-CCP (li jkollha mill-anqas tliet membri tas-CCP kif speċifikat fil-Kostituzzjoni tas-CCP ([23])) u l-kumpanija għandha tipprovdi l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-attivitajiet tal-organizzazzjoni tal-partit. Fil-passat, jidher li dan ir-rekwiżit mhux dejjem ġie segwit jew infurzat b'mod strett. Madankollu, tal-anqas mill-2016 is-CCP saħħaħ l-affermazzjonijiet tiegħu li jikkontrolla d-deċiżjonijiet kummerċjali fl-SOEs bħala kwistjoni ta' prinċipju politiku. Hu rrapportat ukoll li s-CCP teżerċita pressjoni fuq il-kumpaniji privati biex jagħtu prijorità lill-"patrijottiżmu" u jsegwu d-dixxiplina tal-partit ([24]). Fl-2017, ġie rrapportat li kienu jeżistu ċelloli tal-partiti f'madwar 70 % ta' madwar 1,86 miljun kumpanija bi sjieda privata, li rriżulta fi pressjoni dejjem akbar biex l-organizzazzjonijiet tas-CCP ikollhom l-aħħar kelma fir-rigward tad-deċiżjoni kummerċjali fil-kumpaniji rispettivi tagħhom ([25]). Dawn ir-regoli għandhom applikazzjoni ġenerali fl-ekonomija Ċiniża kollha, inkluż fis-settur tat-tungstenu. Għaldaqstant, huwa stabbilit li dawn ir-regoli japplikaw ukoll għall-produtturi tal-elettrodi tat-tungstenu u għall-fornituri tal-inputs tagħhom.

(62) Speċifikament fis-settur tat-tungstenu (inkluż il-prodott taħt rieżami), jeżistu rabtiet mill-qrib bejn il-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-intrapriżi attivi fis-settur u l-Istat, b'mod partikolari s-CCP. Il-produtturi tat-tungstenu huma organizzati fi ħdan l-Assoċjazzjoni tal-Industrija tat-Tungstenu taċ-Ċina ("CTIA"), li tagħmel parti mill-Assoċjazzjoni tal-Industrija tal-Metalli Mhux tal-Ħadid taċ-Ċina. Din tal-aħħar qed issegwi b'mod ċar il-politiki governattivi li jheġġu lill-impjegati u lill-membri biex fost l-oħrajn, iwasslu u jħaddnu l-ispirtu tal-Lianghui – Two Sessions ([26]). Is-CTIA qed timplimenta politiki governattivi li qed jirriżultaw f'distorsjonijiet tal-kost u tal-prezz fis-suq Ċiniż. Fl-2016, tmien produtturi kbar fir-RPĊ ħabbru pjanijiet biex inaqqsu l-output tal-konċentrati tat-tungstenu, filwaqt li l-Assoċjazzjoni tal-Industrija tat-Tungstenu taċ-Ċina talbet lill-membri tagħha jnaqqsu l-produzzjoni u l-Bureau tar-Riżerva tal-Istat taċ-Ċina għamel offerti biex jixtri konċentrati tat-tungstenu. Peress li r-RPĊ tipproduċi aktar minn 80 % tal-output dinji tat-tungstenu, tali azzjonijiet iħallu impatt fuq iċ-Ċina kif ukoll fuq il-prezzijiet globali tat-tungstenu. It-tieni nett, il-parti l-kbira tal-kwota għall-estrazzjoni tat-tungstenu hija

([19]) Ir-Rapport – il-Kapitolu 13, p. 322.
([20]) Ir-Rapport – il-Kapitolu 12, p. 298-312.
([21]) Ir-Rapport – il-Kapitolu 12, p. 267-282.
([22]) Ir-Rapport – il-Kapitolu 5, p. 100-1.
([23]) Ir-Rapport – il-Kapitolu 2, p. 26.
([24]) Ir-Rapport – il-Kapitolu 2, p. 31-2.
([25]) See https://www.reuters.com/article/us-china-congress-companies-idUSKCN1B40JU.
([26]) Ara s-sit web tal-Assoċjazzjoni tal-Industrija tal-Metalli Mhux tal-Ħadid taċ-Ċina: http://www.chinania.org.cn/html/dangjiangongzuo/dangjianhuodong/2019/0326/34906.html (aċċessat fid-29 ta' Marzu 2019).

diviża bejn sitt SOEs ewlenin: China Minmetals, Aluminium Corporation of China, China Northern Rare Earth Group High-Tech, Xiamen Tungsten, China Southern Rare Earth Group, Guangdong Rare Earth Industry Group ([27]). Għalhekk, il-preżenza tal-Istat fl-industrija tat-tungstenu fiċ-Ċina hija eżerċitata direttament fl-SOEs, iżda anke permezz tas-CTIA.

(63) Il-preżenza u l-intervent tal-Istat fis-swieq finanzjarji (ara wkoll it-taqsima 3.3.1.8 t'hawn taħt) kif ukoll fil-provvista ta' materja prima u inputs iħallu effett ta' distorsjoni addizzjonali fuq is-suq ([28]).

(64) Abbażi ta' dawn kollha t'hawn fuq, ġie konkluż li l-preżenza tal-Istat fid-ditti fis-settur tat-tungstenu, kif ukoll fis-settur finanzjarju u setturi oħra tal-input, flimkien mal-qafas deskritt fit-taqsima 3.3.1.3 u fit-taqsimiet sussegwenti, tippermetti lill-GTĊ jinterferixxi fir-rigward tal-prezzijiet u tal-kostijiet.

3.3.1.5. Distorsjonijiet sinifikanti skont it-tielet inċiż tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku: politiki jew miżuri pubbliċi li jiddiskriminaw favur fornituri domestiċi jew li b'mod ieħor jinfluwenzaw il-forzi tas-suq ħieles

(65) Id-direzzjoni tal-ekonomija Ċiniża hi ddeterminata f'livell sinifikanti minn sistema elaborata ta' ppjanar li tistabbilixxi prijoritajiet u tippreskrivi l-għanijiet li l-gvernijiet ċentrali u lokali jridu jiffokaw fuqhom. Jeżistu pjanijiet rilevanti fil-livelli kollha tal-gvern u dawn ikopru virtwalment is-setturi ekonomiċi kollha, l-objettivi stabbiliti mill-istrumenti tal-ippjanar huma ta' natura vinkolanti u l-awtoritajiet f'kull livell amministrattiv jimmonitorjaw l-implimentazzjoni tal-pjanijiet mil-livell korrispondenti aktar baxx tal-gvern. B'mod ġenerali, is-sistema tal-ippjanar fir-RPĊ tirriżulta fis-sitwazzjoni fejn ir-riżorsi jintbagħtu lejn setturi mfassla bħala strateġiċi jew inkella politikament importanti mill-gvern, minflok ma jkunu allokati skont il-forzi tas-suq ([29]).

(66) Il-GTĊ qed jikkontrolla u jirregola mill-qrib l-industrija tat-tungstenu. Dan huwa kkonfermat fit-13-il FYP għall-Industrija tal-Metalli Mhux tal-Ħadid u fit-13-il FYP għar-Riżorsi Minerali, iżda anke fil-liġijiet dwar ir-regolazzjoni tal-estrazzjoni u l-ipproċessar, l-esportazzjoni u l-investiment fl-industrija tat-tungstenu.

(67) It-13-il FYP għar-Riżorsi Minerali jelenka t-tungstenu bħala wieħed mill-24 minerali strateġiċi, li huma "*elementi ewlenin tal-makrokontroll, tas-superviżjoni u tal-ġestjoni tar-riżorsi minerali*" ([30]). Barra minn hekk, il-Pjan jillimita l-volum ta' tħaffir globali għall-minerali tat-tungstenu għal 120 000 tunnellata fis-sena ([31]) u jipprevedi li jistabbilizza l-iskala tal-operazzjonijiet ta' tħaffir fil-minjieri u li jikkonsolida l-bażijiet tar-riżorsi tat-tungstenu fin-naħa t'isfel ta' Jiangxi, Hunan (Chenzhou). Dan jistabbilixxi wkoll il-mira tal-minjieri ta' daqs medju-kbir li jammontaw għal aktar minn 12 % tal-minjieri kollha u jipprevedi li jiżgura l-konċentrazzjoni tal-intrapriżi u l-iżvilupp ta' minjieri ta' daqs kbir u medju li jkunu kompetittivi fis-suq ([32]).

(68) It-13-il FYP għall-Industrija tal-Metalli Mhux tal-Ħadid jistabbilixxi l-mira li "jittejbu r-restrizzjonijiet fuq il-produzzjoni u l-mekkaniżmi tal-protezzjoni tal-valur li japplikaw għat-tungstenu eċċ.; [u] li jiġu aġġustati u kkontrollati l-indikaturi tal-kontroll tal-volum tal-estrazzjoni għat-tungstenu" ([33]).

(69) Barra minn hekk, it-tungstenu huwa inkluż fil-lista ta' prodotti soġġetti għad-dazji tal-esportazzjoni ([34]), ir-rekwiżiti għall-ħruġ ta' linċenzji għall-esportazzjoni ([35]) kif ukoll il-kummerċ tal-istat ([36]). Dan, flimkien ma' kontrolli stretti tal-kwoti tal-produzzjoni kif ukoll riżervi kbar miżmuma mill-Bureau tar-Riżerva tal-Istat ([37]) jippermetti lill-GTĊ ikollu kontroll fuq il-provvista tat-tungstenu fiċ-Ċina.

(70) Għalhekk, huwa stabbilit li l-GTĊ għandu fis-seħħ politiki pubbliċi li jinfluwenzaw il-forzi tas-suq ħieles fir-rigward tal-produzzjoni tat-tungstenu u tal-elettrodi tat-tungstenu għall-iwweldjar. Tali miżuri jimpedixxu lill-forzi tas-suq milli joperaw b'mod normali.

([27]) Ir-Rapport – il-Kapitolu 12, p. 322.
([28]) Ir-Rapport – il-Kapitoli 14.1 sa 14.3.
([29]) Ir-Rapport – il-Kapitolu 4, p. 41-42, 83.
([30]) Ir-Rapport – il-Kapitolu 12, p. 268.
([31]) Ir-Rapport – il-Kapitolu 12, p. 271.
([32]) Ir-Rapport – il-Kapitolu 12, p. 273.
([33]) Ir-Rapport – il-Kapitolu 12, p. 279.
([34]) Ir-Rapport – il-Kapitolu 12, p. 306.
([35]) Ir-Rapport – il-Kapitolu 12, p. 310.
([36]) Ir-Rapport – il-Kapitolu 12, p. 311.
([37]) Ir-Rapport – il-Kapitolu 12, p. 316.

(71) Barra minn hekk, il-Kummissjoni tinnota li filwaqt li ma kienx meħtieġ li ssir analiżi fir-rigward tal-materja prima użata fil-produzzjoni tal-prodott li qed jiġi rieżaminat biex jiġi stabbilit li l-politiki pubbliċi jaffettwaw il-forzi tas-suq ħieles fis-settur tal-elettrodu tat-tungstenu, sabet li l-materja prima ewlenija, l-APT, hija soġġetta għal liċenzjar tal-esportazzjoni fiċ-Ċina ([38]).

(72) Il-liċenzji tal-esportazzjoni ġew rikonoxxuti permezz tal-Inventarju OECD tar-Restrizzjonijiet fuq l-Esportazzjoni ta' Materja Prima Industrijali bħala tip ta' restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni ([39]). Il-liċenzji tal-esportazzjoni jippermettu lill-gvern jikkontrolla l-esportaturi u l-ammonti tal-prodotti esportati ([40]), u b'hekk jagħtih il-possibbiltà li jillimita l-esportazzjonijiet b'mod sinifikanti billi jżomm il-prodotti fis-suq domestiku. Dan jista' jwassal għal żieda fil-provvista, mhux neċessarjament marbuta ma' żieda fid-domanda, li tista' twassal għal tnaqqis fil-prezzijiet domestiċi. Dan jista' jindika distorsjoni fil-forma ta' sussidjar indirett ta' industrija domestika li tuża l-komodità ristretta bħala input ([41]). Bħala tali, il-liċenzji tal-esportazzjoni stabbiliti fuq l-APT joħolqu inċentiv addizzjonali lill-industrija Ċiniża biex tipproduċi u tesporta bi prezzijiet aktar baxxi, peress li l-industrija downstream għandha aċċess għal materja prima irħas fil-produzzjoni tal-prodott ikkonċernat. Dan jaffettwa r-relazzjoni kompetittiva bejn il-prodott ikkonċernat u l-prodott simili, peress li l-industrija Ċiniża tista' tipproduċi u tesporta l-prodott taħt rieżami filwaqt li tħallas prezz li ma jirriżultax mit-twettiq tal-forzi tas-suq minħabba l-liċenzjar tal-esportazzjoni.

(73) Fil-qosor, il-Kummissjoni stabbilixxiet li l-GTĊ għandu politiki pubbliċi fis-seħħ li jinfluwenzaw il-forzi tas-suq ħieles anki għall-materja prima ewlenija tal-APT użata għall-produzzjoni tal-elettrodu tat-tungstenu.

3.3.1.6. Distorsjonijiet sinifikanti skont ir-raba' inċiż tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku: in-nuqqas, l-applikazzjoni diskriminatorja jew l-infurzar inadegwat tal-liġijiet fil-qasam tal-fallimenti, dak soċjetarju jew dak tal-proprjetà

(74) Skont l-informazzjoni dwar il-fajl, jidher li s-sistema Ċiniża tal-falliment mhijiex adegwata biex tilħaq l-objettivi ewlenin tagħha stess, bħal dak li tħallas il-pretensjonijiet u d-djun b'mod ġust u li tissalvagwardja d-drittijiet u l-interessi legali tal-kredituri u tad-debituri. Dan jidher li huwa msejjes fil-fatt li filwaqt li l-liġi Ċiniża dwar il-falliment tiddependi b'mod formali fuq prinċipji simili bħala liġijiet korrispondenti f'pajjiżi oħra, is-sistema Ċiniża hija kkaratterizzata minn nuqqas ta' infurzar sistematiku. L-għadd ta' fallimenti jibqa' notorjament baxx fir-rigward tad-daqs tal-ekonomija tal-pajjiż, mhux l-inqas minħabba li l-proċedimenti ta' insolvenza jbatu minn għadd ta' nuqqasijiet, li effettivament jiffunzjonaw bħala diżinċentiv għall-preżentazzjonijiet ta' fallimenti. Barra minn hekk, ir-rwol tal-Istat fil-proċedimenti ta' insolvenza għadu wieħed b'saħħtu u attiv, li spiss ikollu influwenza diretta fuq l-eżitu tal-proċedimenti ([42]).

(75) Barra minn hekk, in-nuqqasijiet tas-sistema tad-drittijiet tal-proprjetà huma partikolarment ovvji fir-rigward tas-sjieda tad-drittijiet tal-art u tal-użu tal-art fiċ-Ċina ([43]). L-art kollha hi proprjetà tal-Istat (art rurali ta' proprjetà kollettiva u art urbana tal-Istat). L-allokazzjoni tagħha għadha tiddependi biss fuq l-Istat. Hemm dispożizzjonijiet legali li għandhom l-għan li jallokaw id-drittijiet għall-użu tal-art b'mod trasparenti u li huma mmirati lejn il-prezzijiet tas-suq, pereżempju bl-introduzzjoni ta' proċeduri ta' offerti. Madankollu, dawn id-dispożizzjonijiet ma jiġux rispettati b'mod regolari, fejn ċerti akkwirenti jiksbu l-art tagħhom mingħajr ħlas jew f'rati aktar baxxi mir-rati tas-suq ([44]). Barra minn dan, l-awtoritajiet spiss isegwu għanijiet politiċi speċifiċi, inkluż l-implimentazzjoni tal-pjanijiet ekonomiċi, meta jkunu qed jallokaw l-art ([45]).

(76) Għalhekk, jidher li l-liġijiet Ċiniżi dwar il-fallimenti u l-proprjetà ma jaħdmux kif suppost, li jirriżulta f'distorsjonijiet meta ditti insolventi jkunu qed jinżammu attivi u fir-rigward tal-provvista u l-akkwist tal-art fir-RPĊ. Dawn il-liġijiet japplikaw ukoll fir-rigward tas-settur tat-tungstenu, inklużi l-produtturi esportaturi tal-prodott taħt rieżami.

(77) Fid-dawl ta' dan t'hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li kien hemm applikazzjoni diskriminatorja jew infurzar inadegwat tal-liġijiet dwar il-falliment u l-proprjetà fis-settur tat-tungstenu, inkluż fir-rigward tal-prodott taħt rieżami.

([38]) Ara l-Mofcom avviż Nru 208[2018] disponibbli fuq: http://www.mofcom.gov.cn/article/b/e/201812/20181202821970.shtml (accessed on 26.4.2019).

([39]) Ara p. 298 tar-Rapport.

([40]) L-OECD. (2014). Ir-restrizzjonijiet fuq l-Esportazzjoni fil-Kummerċ tal-Materja Prima: Fatti, Fallaċji u Prattiki Aħjar (Pubblikazzjoni tal-OECD, 2014), paġna 26.

([41]) L-OECD. (2016). Nota metodoloġika għall-Inventarju tar-Restrizzjonijiet fuq l-Esportazzjoni ta' Materja Prima Industrijali, OECD, 9 ta' Marzu 2016.

([42]) Ir-Rapport – il-Kapitolu 6, p. 138-149.

([43]) Ir-Rapport – il-Kapitolu 9, p. 216.

([44]) Ir-Rapport – il-Kapitolu 9, p. 213-215.

([45]) Ir-Rapport – il-Kapitolu 9, p. 209-211.

3.3.1.7. Distorsjonijiet sinifikanti skont l-Artikolu 2(6a)(b), il-ħames inċiż tar-Regolament bażiku: il-kostijiet tal-pagi soġġetti għal distorsjoni

(78) Sistemi ta' pagi bbażati fuq is-suq ma tistax tiżviluppa bis-sħiħ fir-RPĊ peress li l-ħaddiema u l-impjegaturi jiġu ostakolati fid-drittijiet tagħhom għall-organizzazzjoni kollettiva. Iċ-Ċina ma rratifikatx għadd ta' konvenzjonijiet essenzjali tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO), b'mod partikolari dawk dwar il-libertà ta' assoċjazzjoni u dwar in-negozjar kollettiv ([46]). Skont il-liġi nazzjonali, organizzazzjoni waħda biss tat-trade unions hi attiva. Madankollu, din l-organizzazzjoni mhijiex indipendenti mill-awtoritajiet tal-Istat u l-involviment tagħha fin-negozjar kollettiv u fil-protezzjoni tad-drittijiet tal-ħaddiema għadu rudimentali ([47]). Barra minn dan, il-mobbiltà tal-forza tax-xogħol Ċiniża hija ristretta mis-sistema tar-reġistrazzjoni tal-unitajiet domestiċi, li tillimita l-aċċess għall-firxa sħiħa tal-benefiċċji tas-sigurtà soċjali u oħrajn għar-residenti lokali ta' żona amministrattiva partikolari. Dan tipikament jirriżulta f'ħaddiema li ma jkollhomx ir-reġistrazzjoni tar-residenza lokali li jsibu ruħhom f'pożizzjoni ta' impjieg vulnerabbli u jirċievu introjtu aktar baxx mid-detenturi b'reġistrazzjoni ta' residenza ([48]). Dawk is-sejbiet iwasslu għad-distorsjoni tal-kostijiet tal-pagi fir-RPĊ.

(79) Is-settur tat-tungstenu, inklużi l-elettrodi tat-tungstenu, huwa soġġett ukoll għas-sistema Ċiniża tal-liġi tax-xogħol deskritta. Għaldaqstant, is-settur tal-aluminju huwa affettwat minn distorsjonijiet tal-kostijiet tal-pagi kemm direttament (meta jkun qed jimmanifattura l-prodott taħt rieżami) kif ukoll indirettament (meta jkollu aċċess għall-kapital jew inputs minn kumpaniji soġġetti għall-istess sistema tax-xogħol fir-RPĊ).

(80) Abbażi ta' dan t'hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-kostijiet tal-pagi kienu distorti fis-settur tat-tungstenu, inkluż fir-rigward tal-prodott taħt rieżami.

3.3.1.8. Distorsjonijiet sinifikanti skont is-sitt inċiż tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku: l-aċċess għall-finanzi mogħtija minn istituzzjonijiet li jimplimentaw objettivi ta' ordni pubbliku jew li b'xi mod ieħor ma jaġixxux indipendentement mill-Istat

(81) L-aċċess għal kapital għal atturi korporattivi fir-RPĊ hu soġġett għal diversi distorsjonijiet.

(82) L-ewwel nett, is-sistema finanzjarja Ċiniża hi kkaratterizzata mill-pożizzjoni b'saħħitha tal-banek tal-Istat ([49]), li, meta jagħtu aċċess għal finanzjament, iqisu kriterji oħra minbarra l-vijabbiltà ekonomika ta' proġett. B'mod simili għall-SOEs mhux finanzjarji, il-banek jibqgħu marbutin mal-Istat mhux biss permezz tas-sjieda iżda wkoll permezz ta' azzjonijiet personali (l-ogħla eżekuttivi tal-istituzzjonijiet finanzjarji tal-Istat fl-aħħar mill-aħħar jinħatru mis-CCP) ([50]) u, għal darb'oħra eżatt bħal fil-każ tal-SOEs mhux finanzjarji, il-banek jimplimentaw b'mod regolari ordnijiet pubbliċi mfassla mill-gvern. Meta jagħmlu dan, il-banek jikkonformaw ma' obbligu legali li jmexxu n-negozju tagħhom f'konformità mal-ħtiġijiet tal-iżvilupp ekonomiku u soċjali nazzjonali u skont il-gwida tal-politiki industrijali tal-Istat ([51]). Dan jiġi amplifikat permezz ta' regoli eżistenti addizzjonali, li jmexxu l-finanzi f'setturi li l-gvern jagħżel li jinċentivahom jew li b'xi mod ieħor huma importanti ([52]).

(83) Filwaqt li jiġi rikonoxxut li jaf hemm diversi strumenti legali li jirreferu għall-ħtieġa li jiġu rispettati l-imġiba bankarja normali u r-regoli prudenzjali bħall-ħtieġa li tiġi eżaminata l-affidabbiltà kreditizja tal-mutwatarju, l-evidenza rilevanti tindika li dawn id-dispożizzjonijiet għandhom biss rwol sekondarju fl-applikazzjoni tad-diversi strumenti legali ([53]). Sejbiet li saru f'investigazzjonijiet tad-difiża tal-kummerċ preċedenti waslu wkoll għall-istess konklużjoni ([54]).

(84) Barra minn hekk, il-klassifikazzjonijiet tal-bonds u tal-kreditu spiss huma distorti għal diversi raġunijiet, inkluż il-fatt li l-valutazzjoni tar-riskju tiġi influwenzata mill-importanza strateġika tad-ditta għall-gvern Ċiniż u mis-saħħa ta' kwalunkwe garanzija impliċita mill-gvern. L-istimi jissuġġerixxu b'mod qawwi li l-klassifikazzjonijiet tal-kreditu Ċiniżi jikkorrispondu għal klassifikazzjonijiet internazzjonali aktar baxxi ([55]).

([46]) Ir-Rapport – il-Kapitolu 13, p. 332-337.
([47]) Ir-Rapport – il-Kapitolu 13, p. 336.
([48]) Ir-Rapport – il-Kapitolu 13, p. 337-341.
([49]) Ir-Rapport – il-Kapitolu 6, p. 114-117.
([50]) Ir-Rapport – il-Kapitolu 6, p. 119.
([51]) Ir-Rapport – il-Kapitolu 6, p. 120.
([52]) Ir-Rapport – il-Kapitolu 6, p. 121-122, 126-128, 133-135.
([53]) Ir-Rapport, ibid.
([54]) Ir-Rapport – il-Kapitolu 14, p. 362-3, li jelenka investigazzjonijiet tad-difiża tal-kummerċ tal-UE (li jirrigwardaw ċerti prodotti ċatti rromblati bis-sħana tal-ħadid, tal-azzar mhux illigat jew ta' azzar ieħor li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u li jirrigwardaw ċerti prodotti tal-azzar miksija b'materjal organiku li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina), kif ukoll investigazzjoni tad-difiża tal-kummerċ imwettqa mill-awtoritajiet Awstraljani, Kanadiżi, Indjani jew Amerikani.
([55]) Ir-Rapport – il-Kapitolu 6, p. 127, b'mod partikolari fir-rigward tal-istima tal-FMI.

(85) Dan jirriżulta fi preġudizzju għas-self lil SOEs, ditti privati kbar u konnessi tajjeb u ditti f'setturi industrijali ewlenin, li jimplika li d-disponibbiltà u l-kost tal-kapital mhumiex ugwali għall-atturi kollha fis-suq.

(86) It-tieni, il-kostijiet tas-self inżammu baxxi b'mod artifiċjali biex jiġi stimolat it-tkabbir tal-investiment. Dan wassal għall-użu eċċessiv tal-investiment kapitali b'redditi dejjem aktar baxxi fuq l-investiment. Dan jintwera mit-tkabbir riċenti fl-ingranaġġ korporattiv fis-settur tal-istat minkejja tnaqqis kbir fil-profittabbiltà, li jissuġġerixxi li l-mekkaniżmi li jitħaddmu fis-sistema bankarja ma jsegwux tweġibiet kummerċjali normali.

(87) It-tielet, minkejja li f'Ottubru 2015 inkisbet liberalizzazzjoni tar-rata tal-imgħax nominali, is-sinjali tal-prezzijiet għadhom mhumiex ir-riżultat ta' forzi tas-suq ħielsa, iżda huma influwenzati minn distorsjonijiet ikkawżati mill-gvern. Fil-fatt, is-sehem tas-self fir-rata tal-valur referenzjarju jew taħt din ir-rata għadu jirrappreżenta 45 % tas-self kollu u r-rikors għall-kreditu mmirat jidher li żdied, peress li dan is-sehem żdied b'mod sostanzjali mill-2015 minkejja li l-kundizzjonijiet ekonomiċi marru għall-agħar. Rati tal-imgħax baxxi b'mod artifiċjali jirriżultaw fi prezz aktar baxx, u sussegwentement fl-użu eċċessiv tal-kapital.

(88) It-tkabbir tal-kreditu ġenerali fir-RPĊ jindika effiċjenza tal-allokazzjoni tal-kapital li sejra għall-agħar mingħajr ebda sinjal ta' restrizzjoni ta' kreditu li tkun mistennija f'ambjent tas-suq mhux distort. Bħala riżultat, is-self improduttiv żdied b'mod rapidu tul dawn l-aħħar snin. Meta kellu jiffaċċja sitwazzjoni ta' dejn f'riskju li kien qed jiżdied, il-gvern Ċiniż għażel li jipprevjeni l-inadempjenzi. Konsegwentement, il-kwistjonijiet ta' dejn mitluf ġew ittrattati permezz ta' dejn ta' riportament, sabiex b'hekk inħolqu l-hekk imsejħa kumpaniji "zombie", jew permezz tat-trasferiment tas-sjieda tad-dejn (pereżempju permezz ta' fużjonijiet jew swaps ta' dejn għal ekwità), mingħajr ma neċessarjament titneħħa l-problema kumplessiva tad-dejn jew jiġu indirizzati l-kawżi ewlenin tagħha.

(89) Essenzjalment, minkejja l-passi riċenti li ttieħdu biex is-suq jiġi liberalizzat, is-sistema tal-kreditu korporattiva fir-RPĊ hija affettwata minn kwistjonijiet sistemiċi sinifikanti u distorsjonijiet li jirriżultaw mir-rwol mifrux kontinwu tal-istat fis-swieq kapitali.

(90) Speċifikament fis-settur tat-tungstenu, kemm it-13ax-il FYP għall-Industrija tal-Metalli Mhux tal-Ħadid kif ukoll it-13ax-il FYP għar-Riżorsi Minerali jipprevedu firxa ta' miżuri ta' appoġġ u sussidji biex jiġu appoġġjati l-industriji rilevanti, inkluża l-industrija tat-tungstenu ([56]). Peress li l-industrija tat-tungstenu hija inkluża fil-lista tal-industriji appoġġati mill-Istat fil-13ax-il FYP għall-Industrija ta' Metalli Mhux tal-Ħadid u fil-13ax-il FYP għar-Riżorsi Minerali, u għaliex il-banek jibni l-politiki tagħhom dwar is-self skont dawn il-pjanijiet (ara premessa (53)), il-produtturi esportaturi kif ukoll il-fornituri tagħhom għandhom aċċess għal finanzjament preferenzjali kif deskritt f'din it-taqsima ([57]).

(91) Fid-dawl ta' dan t'hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-produtturi tal-elettrodi tat-tungstenu kellhom aċċess għall-finanzi mogħtija mill-istituzzjonijiet li jimplimentaw l-objettivi tal-ordni pubbliku jew li nkella ma jaġixxux b'mod indipendenti mill-istat.

3.3.1.9. In-natura sistemika tad-distorsjonijiet deskritti

(92) Il-Kummissjoni nnotat li d-distorsjonijiet deskritti fir-Rapport mhumiex limitati għas-settur tat-tungstenu b'mod ġenerali jew għas-settur tal-elettrodi tat-tungstenu għall-iwweldjar. Għall-kuntrarju, l-evidenza disponibbli turi li l-fatti u l-karatteristiċi tas-sistema Ċiniża kif deskritt hawn fuq fit-Taqsimiet 3.3.1.1-3.3.1.5 kif ukoll fil-Parti A tar-Rapport japplikaw fil-pajjiż kollu u fis-setturi kollha tal-ekonomija. L-istess japplika għad-deskrizzjoni tal-fatturi tal-produzzjoni kif stabbilit hawn fuq fit-Taqsimiet 3.3.1.6– 3.3.1.8. hawn fuq u fil-Parti II tar-Rapport.

(93) Sabiex jiġu prodotti l-elettrodi tat-tungstenu għall-iwweldjar, l-input ewlieni huwa l-paratungstat tal-ammonju ("APT"). Meta l-produtturi tal-elettrodi tat-tungstenu għall-iwweldjar jixtru/jikkuntrattaw dawn l-inputs, il-prezzijiet li jħallsu (u li huma rreġistrati bħala l-kostijiet tagħhom) jiġu esposti b'mod ċar għall-istess distorsjonijiet sistemiċi msemmija qabel. Pereżempju, il-fornituri tal-inputs iħaddmu manodopera li tkun soġġetta għad-distors-jonijiet. Jistgħu jissellfu flus li jkunu soġġetti għad-distorsjonijiet fuq is-settur finanzjarju/l-allokazzjoni tal-kapital. Barra minn hekk, dawn huma soġġetti għas-sistema ta' ppjanar li tapplika fil-livelli kollha tal-gvern u tas-setturi.

([56]) Ir-Rapport – il-Kapitolu 12, p. 274 u 281-282.
([57]) Ir-Rapport – il-Kapitolu 6, p. 120.

(94) Bħala konsegwenza, mhux biss ma jistgħux jintużaw il-prezzijiet domestiċi tal-bejgħ tal-elettrodi tat-tungstenu għall-iwweldjar, iżda l-kostijiet tal-input kollha (inklużi l-materja prima, l-enerġija, l-art, il-finanzjament, il-manodopera, eċċ.) huma wkoll ivvizzjati minħabba li l-formazzjoni tal-prezzijiet tagħhom hija affettwata minn intervent sostanzjali tal-gvern, kif deskritt fil-Partijiet I u II tar-Rapport. Fil-fatt, l-interventi tal-gvern deskritti fir-rigward tal-allokazzjoni tal-kapital, l-art, il-manodopera, l-enerġija u l-materja prima huma preżenti fir-RPĊ kollha. Dan ifisser, pereżempju, li input li hu stess ikun ġie prodott fir-RPĊ bit-taħlita ta' firxa ta' fatturi ta' produzzjoni x'aktarx ikun espost għal distorsjonijiet sinifikanti. L-istess japplika għall-input tal-input u l-kumplament.

3.3.1.10. Konklużjoni

(95) L-analiżi stabbilita fit-taqsimiet 3.3.1.2 sa 3.3.1.9, li tinkludi eżami tal-evidenza kollha disponibbli relatata mal-intervent tar-RPĊ fl-ekonomija tagħha b'mod ġenerali, kif ukoll fis-settur tat-tungstenu (inkluż il-prodott taħt rieżami), uriet li l-prezzijiet jew il-kostijiet, inklużi l-kostijiet tal-materja prima, tal-enerġija u tal-manodopera, mhumiex ir-riżultat ta' forzi tas-suq ħieles minħabba li huma affettwati minn intervent sostanzjali tal-gvern fis-sens tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku. Fuq dik il-bażi, u fin-nuqqas ta' kwalunkwe kooperazzjoni mill-GTĊ u mill-produtturi fir-RPĊ, il-Kummissjoni kkonkludiet li mhuwiex xieraq li jintużaw prezzijiet u kostijiet domestiċi sabiex jiġi stabbilit il-valur normali f'dan il-każ.

(96) Konsegwentement, il-Kummissjoni ddeċidiet li tfassal il-valur normali b'mod esklużiv abbażi tal-kostijiet tal-produzzjoni u tal-bejgħ li jirriflettti prezzijiet jew valuri referenzjarji mingħajr distorsjoni, jiġifieri, f'dan il-każ, abbażi tal-kostijiet korrispondenti tal-produzzjoni u tal-bejgħ f'pajjiż rappreżentattiv xieraq, f'konformità mal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku, kif diskuss fit-taqsima li ġejja. Il-Kummissjoni fakkret li l-ebda produttur esportatur ma kkoopera fl-investigazzjoni u li ma ġiet ippreżentata l-ebda pretensjoni li xi kostijiet domestiċi ser ikunu mingħajr distorsjoni skont it-tielet inċiż tal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku.

3.3.2. *Il-pajjiż rappreżentattiv*

3.3.2.1. Kummenti ġenerali

(97) L-għażla tal-pajjiż rappreżentattiv kienet ibbażata fuq il-kriterji li ġejjin:

— Livell ta' żvilupp ekonomiku simili għar-RPĊ. Għal dan l-għan, il-Kummissjoni użat il-pajjiżi b'introjtu nazzjonali gross simili għar-RPĊ fuq il-bażi tal-bażi tad-data tal-Bank Dinji ([58]);

— Il-produzzjoni tal-prodott taħt rieżami f'dak il-pajjiż ([59]);

— Id-disponibbiltà ta' data pubblika rilevanti f'dak il-pajjiż;

— Meta jkun hemm aktar minn pajjiż rappreżentattiv wieħed possibbli, ingħatat preferenza, fejn xieraq, lill-pajjiż b'livell adegwat ta' protezzjoni soċjali u ambjentali.

(98) Kif imsemmi fil-premessa (26), fin-Nota tat-8 ta' Novembru 2018, il-Kummissjoni għarrfet lill-partijiet interessati li hija identifikat erba' pajjiżi rappreżentattivi possibbli: Il-Brażil, il-Messiku, ir-Russja u t-Turkija, u stiednet lill-partijiet interessati jikkummentaw u jissuġġerixxu pajjiżi oħrajn.

(99) Fir-rigward tal-pajjiż rappreżentattiv, wara n-Nota tat-8 ta' Novembru 2018, il-Kummissjoni rċeviet sottomissjoni mill-industrija tal-Unjoni.

(100) L-industrija tal-Unjoni ssottomettiet li l-kostijiet fit-Turkija jipprovdu bażi aħjar mill-Messiku, mill-Brażil jew mir-Russja. Dan huwa dovut għall-fatt li l-kostijiet f'dawn it-tliet pajjiżi huma distorti għal diversi raġunijiet, inklużi l-inflazzjoni għolja u l-protezzjoni tal-gvern.

([58]) Data Miftuħa tal-Bank Dinji – Introjtu Medju Superjuri, https://data.worldbank.org/income-level/upper-middle-income.
([59]) Jekk ma jkun hemm l-ebda produzzjoni tal-prodott taħt rieżami fi kwalunkwe pajjiż li jkollu livell simili ta' żvilupp, tista' titqies il-produzzjoni ta' prodott fl-istess kategorija u/jew settur ġenerali tal-prodott taħt rieżami.

(101) L-industrija tal-Unjoni kkontestat l-adegwatezza tar-Russja b'mod partikolari, fejn qalet li l-prezzijiet tal-enerġija huma distorti b'mod sinifikanti. Huma kkorroboraw dan il-fatt billi għamlu referenza għas-sejbiet riċenti tal-Kummissjoni fil-kuntest tal-każ tan-nitrat tal-ammonju (id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1703). Minħabba li, kif spjegat fil-premessa (108), il-Kummissjoni għażlet lit-Turkija bħala l-pajjiż rappreżentattiv xieraq għal din l-investgazzjoni minħabba li identifikat li t-Turkija għandha l-aktar data statistika ddettaljata fir-rigward tal-kostijiet lavorattivi fost il-pajjiżi rappreżentattivi potenzjali li ġew ikkunsidrati, ma kienx hemm bżonn li tiġi indirizzata din id-dikjarazzjoni u li tiġi eżaminata l-eżistenza ta' distorsjonijiet tal-enerġija fir-Russja fil-kuntest ta' dan il-proċediment.

3.3.2.2. Livell ta' żvilupp ekonomiku simili għar-RPĊ

(102) Fir-rigward tal-livell ta' żvilupp ekonomiku, il-Kummissjoni tinnota li l-pajjiżi kollha elenkati fil-premessa (98) huma fl-istess livell ta' introjtu "Introjtu Medju Superjuri", skont il-Bank Dinji ([60]) u għalhekk huma daqstant xierqa bħala pajjiżi rappreżentattivi f'dan ir-rigward.

3.3.2.3. Il-produzzjoni tal-prodott taħt rieżami fil-pajjiż rappreżentattiv u d-disponibbiltà tad-data pubblika rilevanti fil-pajjiż rappreżentattiv

(103) Fin-Nota tas-6 ta' Marzu 2019, il-Kummissjoni għarrfet lill-partijiet interessati li abbażi tal-informazzjoni disponibbli, il-prodott taħt rieżami kien prodott biss fir-RPĊ u fl-Unjoni. Ma wasal l-ebda kumment f'dan ir-rigward.

(104) Peress li huwa disponibbli aktar minn pajjiż rappreżentattiv wieħed possibbli, il-Kummissjoni, fir-rigward tal-Artikolu 2(6a)(a), l-ewwel inċiż tar-Regolament bażiku, qieset id-disponibbiltà tad-data pubblika rilevanti fil-pajjiż rappreżentattiv.

(105) Il-Kummissjoni qieset l-importanza tal-fatturi tal-produzzjoni tal-elettrodi tat-tungstenu. Minbarra l-aktar materja prima sinifikanti, l-APT, li tammonta għall-maġġoranza tal-kostijiet tal-prodott finali, it-tieni u t-tielet l-aktar fatturi sinifikanti kienu l-manodopera u l-elettriku. Konsegwentement, il-Kummissjoni qabblet l-erba' pajjiżi rappreżentattivi potenzjali fir-rigward tal-kwalità tal-informazzjoni dwar il-kostijiet lavorattivi u tal-elettriku.

(106) Abbażi tal-informazzjoni disponibbli, il-Kummissjoni identifikat lit-Turkija bħala li għandha l-aktar data statistika ddettaljata dwar il-kostijiet lavorattivi fost il-pajjiżi rappreżentattivi potenzjali li ġew ikkunsidrati. L-Istitut Statistiku tat-Turkija jippubblika l-kostijiet lavorattivi iddettaljata għal kull attività ekonomika. Konsegwentement, l-ispejjeż tax-xogħol speċifiċi għas-settur tal-manifattura tal-metalli bażiċi huma disponibbli għall-pubbliku. Bl-istess mod, kienet disponibbli data dettaljata dwar il-prezzijiet tal-elettriku għall-utenti industrijali.

(107) B'kunsiderazzjoni tal-informazzjoni pprovduta mill-industrija tal-Unjoni, flimkien mad-disponibbiltà ta' data pubblika rilevanti fil-pajjiż rappreżentattiv, fin-Nota tagħha tas-6 ta' Marzu 2019, il-Kummissjoni pproponiet li tuża lit-Turkija bħala pajjiż rappreżentattiv u stiednet il-partijiet interessati biex jikkummentaw. Ma ġie riċevut l-ebda kumment.

3.3.2.4. Il-konklużjoni dwar il-pajjiż rappreżentattiv

(108) Fid-dawl tal-analiżi t'hawn fuq, u d-data disponibbli dwar il-fajl, il-Kummissjoni użat id-data tat-Turkija biex tistabbilixxi l-kostijiet lavorattivi u tal-elettriku korrispondenti f'pajjiż rappreżentattiv xieraq skont l-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku.

3.3.3. *Id-data li ntużat għat-tfassil tal-valur normali*

(109) Skont l-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku, "il-valur normali għandu jiġi kkalkolat esklussivament abbażi tal-kostijiet tal-produzzjoni u tal-bejgħ li jirriflettu prezzijiet jew valuri ta' riferiment mingħajr distorsjoni" u "għandu jinkludi ammont raġonevoli u mingħajr distorsjoni għal kostijiet amministrattivi, tal-bejgħ u ġenerali u għal profitti".

(110) Fin-Nota tat-8 ta' Novembru 2018, il-Kummissjoni ddikjarat li, sabiex tibni l-valur normali skont l-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku, hija ma setgħetx tibbaża fuq data tal-importazzjoni minn pajjiżi rappreżentattivi xierqa biex tevalwa l-fattur ewlieni tal-produzzjoni. Dan huwa dovut għall-inkonsistenzi kbar tal-prezzijiet tal-importazzjoni għall-kodiċi HS li jkopri l-materja prima ewlenija (APT) iżda anke prodotti oħra fl-erba' pajjiżi rappreżentattivi possibbli. Minflok, intuża l-parametru referenzjarju internazzjonali ppubblikat miċ-Ċentru Nazzjonali tal-Informazzjoni dwar il-Minerali tal-Istħarriġ Ġeoloġiku tal-Istati Uniti biex jiġi stabbilit il-kost mhux distort tal-materja prima ewlenija.

([60]) Data Miftuħa tal-Bank Dinji – Introjtu Medju Superjuri, https://data.worldbank.org/income-level/upper-middle-income.

(111) Il-Kummissjoni użat l-informazzjoni pprovduta mill-Istitut Statistiku tat-Turkija bħala s-sors tal-kostijiet lavorattivi u l-kostijiet tal-elettriku.

3.3.4. *Il-fatturi tal-produzzjoni*

(112) Fin-Nota tat-8 ta' Novembru 2018, il-Kummissjoni fittxet li tistabbilixxi lista inizjali ta' fatturi ta' produzzjoni u sorsi maħsuba sabiex jintużaw għall-fatturi kollha tal-produzzjoni, bħal materjali, l-enerġija u l-manodopera użati fil-produzzjoni tal-prodott taħt rieżami minn kwalunkwe produttur li jikkoopera.

(113) Fin-nuqqas ta' kooperazzjoni mill-produtturi Ċiniżi, il-Kummissjoni bbażat fuq l-applikanti u ż-żewġ rispondenti għall-Anness III tan-Notifika ta' Bidu sabiex tispeċifika l-fatturi tal-produzzjoni li jintużaw fil-produzzjoni.

(114) Il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda kumment dwar il-fatturi speċifiċi tal-produzzjoni.

(115) Meta titqies l-informazzjoni kollha sottomessa mill-applikant, ġew identifikati l-fatturi tal-produzzjoni u l-intestatura tariffarja relatata li ġejjin, fejn applikabbli:

Tabella 1

Fatturi tal-produzzjoni

Fattur tal-produzzjoni	Kodiċi SA	Sors użat	Valur
Il-Materja prima			
Paratungstat tal-ammonju ("APT")	ex 2841 80	Il-prezz nett tal-ossidu tat-tungstenu inkluż fl-APT skont il-parametru referenzjarju internazzjonali ta' "Platts Metals Week" kif ippubblikat miċ-Ċentru Nazzjonali tal-Informazzjoni dwar il-Minerali tal-Istħarriġ Ġeoloġiku tal-Istati Uniti	34,81 EUR/kg
Il-manodopera			
Xogħol dirett, Pagi fis-settur tal-manifattura	[MHUX APPLIKABBLI]	Istitut statistiku tat-Turkija	EUR 8,15/Siegħa ta' xogħol
L-enerġija			
L-elettriku	[MHUX APPLIKABBLI]	Istitut statistiku tat-Turkija	EUR 0,06/kWh

3.3.4.1. Il-Materja prima

(116) Il-materja prima ewlenija għall-produzzjoni tal-prodott taħt rieżami hija l-APT. Fin-nota tagħha tas-6 ta' Marzu 2019, il-Kummissjoni indikat li kien beħsiebha tuża l-parametru referenzjarju internazzjonali tal-"Platts Metals Week" kif ippubblikat miċ-Ċentru Nazzjonali tal-Informazzjoni dwar il-Minerali tal-Istħarriġ Ġeoloġiku tal-Istati Uniti ([61]) fl-istħarriġ dwar il-minerali tagħha ta' kull xahar.

(117) L-APT jeħtieġ li jgħaddi minn konverżjoni għal trab tal-metall tat-tungstenu qabel ma jintuża bħala materja prima għall-produzzjoni tal-elettrodi tat-tungstenu.

(118) Peress li l-parametru referenzjarju internazzjonali jikkwota l-prezz tal-APT skont il-kontenut tiegħu tal-ossidi tat-tungstenu u jeħtieġ li jiżdiedu wkoll il-kostijiet tal-konverżjoni, id-data dwar il-parametru referenzjarju ġiet aġġustata permezz tal-kwozjent ta' 1.26 u EUR 0,767 għal kull kg tal-materjal ittrasformat. Dawn il-kostijiet ta' koverżjoni, issuġġeriti mill-industrija tal-Unjoni saru disponibbli lill-partijiet interessati u l-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda kumment dwar dan.

([61]) https://minerals.usgs.gov/minerals/pubs/commodity/tungsten/.

3.3.4.2. Il-manodopera

(119) Fir-rigward tal-kostijiet lavorattivi, fin-Nota tagħha tas-6 ta' Marzu 2019, il-Kummissjoni indikat li kien beħsiebha tuża d-data ppubblikata mill-Istitut Statistiku tat-Turkija. B'mod partikolari, il-Kummissjoni indikat li kellha l-ħsieb li tuża l-kostijiet lavorattivi ta' kull siegħa fis-settur tal-manifattur għall-2016, għall-attività ekonomika C.24 (il-manifattura tal-metalli bażiċi) skont in-NACE Rev.2 ([62]), li hija l-aktar statistika riċenti disponibbli ([63]). Din kompliet tindika li l-valuri jkunu aġġustati b'mod xieraq skont l-inflazzjoni permezz tal-indiċi tal-prezzijiet tal-produtturi domestiċi ([64]) li ġie ppubblikat mill-Istitut Statistiku tat-Turkija. Fin-nuqqas ta' kwalunkwe kumment, il-Kummissjoni adottat dan l-approċċ.

3.3.4.3. L-elettriku

(120) Fir-rigward tal-kostijiet tal-elettriku, fin-Nota tagħha tas-6 ta' Marzu 2019, il-Kummissjoni indikat li kien beħsiebha tapplika l-prezz medju tal-unità tal-elettriku għall-utenti industrijali, li ġie pprovdut fi stqarrija għall-istampa maħruġa mill-Istitut Statistiku tat-Turkija. Fin-nuqqas ta' kwalunkwe kumment, il-Kummissjoni adottat dan l-approċċ.

3.3.4.4. Il-kostijiet ġenerali tal-manifattura, l-SG&A u l-profitti

(121) Skont l-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku, il-valur normali mfassal għandu jinkludi ammont mhux distort u raġonevoli għall-kostijiet amministrattivi, tal-bejgħ u ġenerali ("SG&A") u għall-profitti. Barra minn hekk, kien meħtieġ li jiġi stabbilit valur għall-kostijiet ġenerali tal-manifattura biex ikopri l-kostijiet mhux inklużi fil-fatturi tal-produzzjoni.

(122) Fin-Nota tat-8 ta' Novembru 2018, il-Kummissjoni identifikat biss żewġ produtturi tal-elettrodi tat-tungstenu barra mir-RPĊ, li kienu l-produtturi tal-Unjoni li kooperaw. Fin-nuqqas ta' kwalunkwe kumment dwar din il-kwistjoni, il-Kummissjoni użat id-data dwar il-kostijiet ġenerali tal-manifattura, l-SG&A u l-profitti minn dawn iż-żewġ produtturi. Peress li wieħed biss miż-żewġ produtturi tal-Unjoni ppubblika r-rapporti finanzjarji tiegħu li kienu faċilment disponibbli fil-bażi tad-data ta' Orbis ([65]), id-data li ntużat kienet limitata għal wieħed biss mill-produtturi.

(123) Sabiex tistabbilixxi valur mhux distort tal-kostijiet ġenerali tal-manifattura u l-SG&A, il-Kummissjoni użat il-proporzjon tal-kost tal-manifattura li jirrappreżentaw l-kostijiet ġenerali tal-manifattura u l-SG&A fl-istruttura tal-kost tal-produttur tal-Unjoni li kkoopera.

(124) B'mod aktar preċiż, il-Kummissjoni l-ewwel esprimiet il-kost ġenerali tal-manifattura u l-SG&A attwali tal-produttur tal-Unjoni li kkoopera bħala perċentwal tal-kost attwali totali tal-manifattura. Imbagħad il-Kummissjoni applikat l-istess perċentwal fuq il-valur mhux distort tal-kost tal-manifattura biex tikseb il-valur mhux distort tal-kostijiet ġenerali tal-manifattura u l-SG&A.

(125) Fir-rigward tal-profitt, il-Kummissjoni użat id-data finanzjarja mill-istess produttur tal-Unjoni. B'mod aktar preċiż, il-Kummissjoni użat iċ-ċifri tal-profitt kif irrapportati fil-kontijiet awditjati tal-kumpanija għall-perjodu ta' bejn l-1 ta' Marzu 2017 u t-28 ta' Frar 2018.

(126) B'riżultat ta' dan, żdiedu l-entrati li ġejjin fil-kost mhux distort tal-manifattura:

— Il-kostijiet ġenerali tal-manifattura u l-SG&A ([66]) ta' 32,06 % applikati għall-kostijiet tal-manifattura (li jkopru l-konsum tal-materja prima, tal-manodopera u tal-enerġija);

— Profitt ([67]) ta' 5,58 % applikat għas-somma tal-kostijiet tal-manifattura.

3.3.4.5. Kalkolu tal-valur normali

(127) Sabiex jiġi stabbilit il-valur normali mfassal, il-Kummissjoni segwiet il-passi li ġejjin.

(128) L-ewwel nett, il-Kummissjoni stabbilixxiet il-kostijiet mhux distorti tal-manifattura. Fin-nuqqas ta' kooperazzjoni mill-produtturi Ċiniżi, il-Kummissjoni użat l-istess materjal, il-proprozjon tal-konsum tax-xogħol u l-enerġija bħala l-produttur tal-Unjoni bl-akbar produzzjoni fl-Unjoni. Id-data li ntużat kienet relatata mal-produzzjoni tal-aktar elettrodu użat komunement li huwa d-WL15 b'dijametru ta' 2.4 x 175 mm.

([62]) Il-kodiċi NACE jinsabu hawn http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/index/nace_all.html.
([63]) Il-kostijiet lavorattivi jinsabu hawn http://www.turkstat.gov.tr/PreIstatistikTablo.do?istab_id=2088.
([64]) L-istqarrija għall-istampa li tippubblika t-tibdil ta' kull sena fl-indiċi tal-prezzijiet tal-produtturi domestiċi għas-settur tal-manifattura tinsab hawn http://www.turkstat.gov.tr/PreTabloArama.do?metod=search&araType=hb_x.
([65]) Orbis (Bureau Van Dijk) huwa fornitur tad-data globali ta' informazzjoni korporattiva, www.bvdinfo.com.
([66]) In-Nota tas-6 ta' Marzu 2019, Anness 2.
([67]) In-Nota tas-6 ta' Marzu 2019, Anness 2.

(129) Il-Kummissjoni mbagħad immultiplikat l-fatturi tal-użu bil-kostijiet mhux distorti għal kull unità kif stabbilit fit-Tabella 1 u żiedet l-ispejjeż ġenerali tal-Manifattura, l-SG&A u l-profitt kif deskritt fil-premessa (126).

(130) Fuq dik il-bażi, il-Kummissjoni bniet il-valur normali fuq bażi ta' kif joħroġ mill-fabbrika, f'konformità mal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku.

(131) Minħabba l-fatt li l-ebda produttur Ċiniż ma kkoopera, il-valur normali kien stabbilit fuq bażi tal-pajjiż kollu u mhux għal kull produttur b'mod separat.

3.4. **Prezz tal-esportazzjoni**

(132) Fin-nuqqas ta' kooperazzjoni mill-produtturi Ċiniżi, il-prezz tal-esportazzjoni kien iddeterminat abbażi tal-prezz CIF tal-importazzjoni li nkiseb fl-Artikolu 14(6) tal-bażi tad-data tar-Regolament bażiku.

3.5. **Tqabbil**

(133) Fejn iġġustifikat mill-ħtieġa li jiġi żgurat paragun ġust, il-Kummissjoni aġġustat il-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni għal differenzi li jaffettwaw il-prezzijiet u l-komparabbiltà tal-prezzijiet skont l-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku.

(134) Ġie applikat aġġustament 'il fuq tal-VAT fuq l-esportazzjonijiet ta' 17 % fir-rigward tal-valur normali peress li m'hemm l-ebda skont tal-VAT tal-esportazzjonijiet fuq l-esportazzjonijiet tal-prodott taħt rieżami u sar aġġustament 'l isfel fil-prezz tal-esportazzjonijiet għan-nol u l-assigurazzjoni internazzjonali u domestiċi.

3.6. **Marġini tad-dumping**

(135) Fin-nuqqas ta' kooperazzjoni mill-produtturi Ċiniżi, il-Kummissjoni qabblet il-valur normali tal-prodott simili mal-prezz tal-esportazzjonijiet f'livell ex-works, skont l-Artikoli 2(11) u (12) tar-Regolament bażiku.

(136) Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni sabet marġni ta' dumping, espress bħala perċentwal tal-prezz CIF fil-fruntiera tal-Unjoni bid-dazju mhux imħallas, f'livell ta' 55 %.

(137) Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li d-dumping tkompla matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

3.7. **Probabbiltà tal-kontinwazzjoni ta' dumping f'każ li l-miżuri jiġu rrevokati**

(138) Wara s-sejba tal-eżistenza tad-dumping matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, f'konformità mal-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni investigat il-probabbiltà ta' kontinwazzjoni tad-dumping jekk il-miżuri jiġu rrevokati. L-elementi addizzjonali li ġejjin ġew analizzati: il-kapaċità tal-produzzjoni u l-kapaċità żejda fir-RPĊ, l-attraenza tas-suq tal-Unjoni u d-distorsjonijiet tal-materja prima.

(139) Bħala konsegwenza tan-nuqqas ta' kooperazzjoni tal-produtturi mir-RPĊ, dan l-eżami kien ibbażat fuq l-informazzjoni li kienet disponibbli lill-Kummissjoni, jiġifieri, l-informazzjoni li ġiet ipprovduta fit-Talba u informazzjoni minn sorsi disponibbli oħra, bħall-Artikolu 14(6) tal-bażi tad-data tar-Regolament bażiku u l-informazzjoni li nkisbet mill-partijiet interessati matul l-investigazzjoni.

3.7.1. *Il-kapaċità tal-produzzjoni u l-kapaċità ta' riżerva fir-RPĊ*

(140) Fis-sitwazzjoni tan-nuqqas ta' kooperazzjoni mill-produtturi mir-RPĊ, il-konklużjoni li ġejja tibbaża fuq l-informazzjoni li ġiet ipprovduta fit-Talba għal rieżami, l-informazzjoni li ġiet ipprovduta mill-industrija tal-Unjoni matul l-investigazzjoni, u l-informazzjoni li ġiet ipprovduta minn Shaanxi Yuheng Tungsten & Molybdenum Industrial Co., Ltd,.

(141) It-Talba għal rieżami stmat il-kapaċità tal-produzzjoni Ċiniża tal-elettrodi tat-tungstenu f'firxa ta' 2 000 000 u 4 000 000 kg fis-sena. Il-kapaċità stabbilita fl-investigazzjoni tar-rieżami ta' skadenza preċedenti kienet ta' 1 600 000 bl-użu tal-kapaċità ta' 63 %, li rriżultat f'kapaċità li ma ntużatx ta' madwar 600 000 kg, li qabżet kważi ħames darbiet il-konsum totali tal-Unjoni.

(142) F'din l-investigazzjoni, iż-żewġ produtturi li rrispondew fil-fażi tal-kampjunar, irrapportaw kapaċità żejda ta' 17 %. Bl-applikazzjoni ta' dan il-proporzjon għall-aktar stima modesta tal-kapaċità ta' produzzjoni fir-RPĊ, il-kapaċità żejda tagħha tirrappreżenta ferm aktar mill-konsum totali tal-Unjoni tal-prodott simili.

(143) Konsegwentement, jista' jiġi konkluż li fir-RPĊ teżisti kapaċità żejda sostanzjali, li tista' tiġi diretta lejn l-Unjoni f'każ li l-miżuri jitħallew jiskadu. Hemm ukoll indikazzjonijiet li s-swieq tal-pajjiżi terzi jew is-suq domestiku jistgħu jassorbu din il-kapaċità żejda sinifikanti.

3.7.2. *Kemm hu attraenti s-suq tal-Unjoni*

(144) Il-produtturi Ċiniżi wrew interess kontinwu fis-suq tal-Unjoni u setgħu jżidu s-sehem mis-suq għal 40-50 %. L-Unjoni bil-bażi industrijali b'saħħitha tagħha hija wkoll suq kbir, b'mod konsistenti għal aktar minn 10 % tat-total stmat tal-produzzjoni Ċiniża.

(145) Kif muri fit-Tabella 4 u t-Tabella 9, il-prezzijiet tal-produtturi tal-Unjoni huma stabbiliti ferm ogħla mill-prezzijiet tal-importazzjonijiet. L-eżistenza ta' importazzjonijiet sinifikanti mir-RPĊ fl-Unjoni minkejja d-dazju anti-dumping fis-seħħ tikkonferma l-attraenza għolja tas-suq tal-Unjoni.

3.7.3. *Id-distorsjonijiet fil-materja prima*

(146) Kif innutat fil-premessi (71) - (73) u kif spjegat fit-taqsima 12.4.1 tar-Rapport, is-sitwazzjoni ekonomika tal-kumpaniji tiddependi wkoll fuq il-kundizzjonijiet tal-provvista ta' materja prima ([68]). Bħala tali, jekk ikun hemm fis-seħħ miżuri governattivi li jiffavorixxu l-konsum domestiku tal-materja prima għall-kuntrarju ta' allokazzjoni ta' materja prima fuq il-bażi ta' provvista u domanda internazzjonali, il-kundizzjonijiet ekwi tal-kompetizzjoni jxaqilbu lejn l-industrija domestika downstream.

3.7.4. *Konklużjoni dwar il-probabbiltà tal-kontinwazzjoni ta' dumping*

(147) L-elettrodi tat-tungstenu huma prodotti biss fir-RPĊ u fl-Unjoni. Ir-RPĊ tapplika restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni tal-materja prima ewlenija, li fil-parti l-kbira tagħha tinsab biss fir-RPĊ. Minħabba l-attraenza tas-suq tal-Unjoni, il-kapaċitajiet kbar żejda installati fir-RPĊ u d-dumping sinifikanti kontinwu, il-Kummissjoni tikkonkludi li hemm probabbiltà kbira ta' kontinwazzjoni ta' dumping f'każ li l-miżuri jiġu rrevokati.

4. IL-PROBABBILTÀ TAL-KONTINWAZZJONI TAD-DANNU

4.1. **Definizzjoni tal-Industrija tal-Unjoni u tal-produzzjoni tal-Unjoni**

(148) Matul il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami, il-prodott simili kien manifatturat minn żewġ produtturi magħrufa fl-Unjoni. Iż-żewġ produtturi kkooperaw bis-sħiħ fl-investigazzjoni. Huma jikkostitwixxu l-industrija tal-Unjoni fis-sens tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament bażiku.

4.2. **Kummenti preliminari**

(149) Il-Kummissjoni vvalutat id-dannu abbażi tax-xejriet fir-rigward tal-produzzjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni, l-użu tal-kapaċità, il-bejgħ, is-sehem mis-suq, l-impjiegi, il-produttività u t-tkabbir, kif ukoll ix-xejriet fir-rigward tal-prezzijiet, il-profittabbiltà, il-fluss tal-flus, l-abbiltà li jżidu l-kapital u investimenti, l-istokkijiet, ir-redditu fuq l-investiment u l-pagi.

(150) Peress li hemm biss żewġ kumpaniji li jikkostitwixxu l-industrija tal-Unjoni, id-data li tirreferi għall-industrija tal-Unjoni se tiġi ppreżentata f'firxiet, sabiex tiġi mħarsa l-kunfidenzjalità skont l-Artikolu 19 tar-Regolament bażiku.

(151) Sabiex tiġi protetta l-kunfidenzjalità tal-industrija tal-Unjoni, anke l-importazzjonijiet mir-RPĊ li nkisbu mill-Artikolu 14(6) tal-bażi tad-data tar-Regolament bażiku se jiġu ppreżentati f'firxiet, peress li l-iżvelar tagħhom jipprovdi livell ta' dettall li jippermetti li jiġu identifikati l-produzzjoni u l-bejgħ preċiżi tal-industrija tal-Unjoni.

4.3. **Il-produzzjoni u l-konsum tal-Unjoni**

(152) Il-produzzjoni totali tal-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami kienet fil-firxa ta' 35-40 tunnellata, li hija inqas mir-rieżami ta' skadenza preċedenti.

(153) Il-Kummissjoni stabbilixxiet il-konsum tal-Unjoni billi żiedet flimkien l-istatistika tal-importazzjoni fil-livell TARIC permezz tal-informazzjoni miġbura abbażi tal-Artikolu 14(6) tal-bażi tad-data tar-Regolament bażiku u l-volumi ta' bejgħ tal-industrija tal-Unjoni fl-Unjoni.

([68]) Ir-rabta bejn ir-restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni u l-prezzijiet hija deskritta aktar fid-dettall fir-Rapport, taqsima 12.4.1, p. 298–299.

(154) Il-konsum tal-Unjoni tal-prodott taħt rieżami żviluppa kif ġej:

Tabella 2

Konsum tal-Unjoni

	2014	2015	2016	2017	PIR
Konsum totali fl-Unjoni (kg)	130 000-140 000	120 000-130 000	120 000-130 000	100 000-110 000	105 000-115 000
Indiċi (2014= 100)	*100*	*95*	*96*	*83*	*86*

Sors: Tweġibiet għall-kwestjonarju, il-bażi tad-data tal-Artikolu 14(6)

(155) Il-konsum tal-Unjoni naqas b'14 % fil-perjodu kkunsidrat. Analiżi ta' sena b'sena turi kważi tnaqqis gradwali matul il-perjodu sal-2017, u mbagħad żieda żgħira ta' 3 % bejn l-2017 u l-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

4.4. **Importazzjonijiet mir-RPĊ**

4.4.1. *Volum u sehem tas-suq tal-importazzjonijiet mir-RPĊ*

(156) Il-Kummissjoni stabbilixxiet il-volum tal-importazzjonijiet mir-RPĊ fl-Unjoni abbażi tal-Artikolu 14(6) tal-bażi tad-data tar-Regolament bażiku u l-ishma mis-suq tal-importazzjonijiet billi qabblet dawn il-volumi tal-importazzjonijiet mal-konsum tal-Unjoni kif jidher fit-Tabella 2.

(157) Is-sehem tas-suq u l-importazzjonijiet mir-RPĊ żviluppaw kif ġej:

Tabella 3

Il-volum tal-importazzjonijiet (tunnellati) u s-sehem mis-suq

	2014	2015	2016	2017	PIR
Volum ta' importazzjonijiet mir-RPĊ (kg)	45 000-50 000	50 000-55 000	50 000-55 000	40 000-45 000	45 000-50 000
Indiċi (2014= 100)	*100*	*103*	*109*	*87*	*97*
Sehem mis-suq tal-importazzjonijiet mir-RPĊ (%)	30-40 %	40-50 %	40-50 %	40-50 %	40-50 %
Indiċi (2014= 100)	*100*	*108*	*113*	*105*	*112*

Sors: Tweġibiet għall-kwestjonarju, il-bażi tad-data tal-Artikolu 14(6)

(158) F'konformità mat-tnaqqis fil-konsum tal-Unjoni, il-volum ta' importazzjonijiet tal-prodott taħt rieżami li joriġina mir-RPĊ żdied bi 3 % matul il-perjodu kkunsidrat, filwaqt li żamm il-livell ta' 45 000-50 000 kg matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami (ara t-Tabella 3). Minkejja ż-żieda, is-sehem mis-suq tal-esportaturi Ċiniżi żdied bi 12 % għal kważi nofs is-suq totali tal-Unjoni.

(159) Huwa rilevanti għall-analiżi tal-ħsara li jiġi nnutat li l-importazzjonijiet mir-RPĊ komplew jidħlu fl-Unjoni, b'dazji mħallsa, matul il-perjodu kkunsidrat.

4.4.2. *Prezzijiet tal-importazzjonijiet mir-RPĊ*

(160) Il-Kummissjoni użat il-prezzijiet tal-importazzjonijiet mir-RPĊ li ġew irrapportati fl-Artikolu 14(6) tal-bażi tad-data tar-Regolament bażiku.

(161) Il-prezz medju tal-importazzjonijiet fl-Unjoni mir-RPĊ żviluppa kif ġej:

Tabella 4

Il-prezzijiet tal-importazzjoni mir-RPĊ (EUR/tunnellata)

	2014	2015	2016	2017	PIR
Prezz medju tal-importazzjoni mir-RPĊ (EUR għal kull tunnellata)	45-50	50-55	45-50	45-50	45-50
Indiċi (2014= 100)	*100*	*108*	*93*	*93*	*99*

Sors: Bażi tad-data tal-Artikolu 14(6)

(162) Il-prezzijiet medji tal-importazzjonijiet mir-RPĊ żdiedu bi 8 % fl-2015, naqsu u baqgħu stabbli fl-2016 u fl-2017 u mbagħad kważi żdiedu għal-livell tal-2014 fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

(163) Matul il-perjodu kkunsidrat, il-prezzijiet medji tal-importazzjoni mir-RPĊ baqgħu aktar baxxi b'mod sinifikanti kemm mill-prezz medju tal-bejgħ kif ukoll mill-kost medju tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni, kif irrapportat fit-Tabella 9.

4.4.3. *It-twaqqigħ tal-prezz*

(164) Il-Kummissjoni ddeterminat it-twaqqigħ tal-prezz matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami billi qabblet il-prezzijiet medji tal-bejgħ ponderati taż-żewġ produtturi tal-Unjoni li ġew mitluba lil klijenti mhux relatati fis-suq tal-Unjoni, aġġustati għal livell ex-works, mad-data dwar il-prezz tal-importazzjoni mill-Artikolu 14(6) tal-bażi tad-data tar-Regolament bażiku għall-prodott taħt rieżami mir-RPĊ f'livell ta' CIF, aġġustat għal prezz ta' wara l-konsenja.

(165) Ir-riżultat tat-tqabbil kien espress bħala perċentwal tal-prezz medju taż-żewġ produtturi tal-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

(166) It-tqabbil wera għal importazzjonijiet mir-RPĊ twaqqigħ medju ta' aktar minn 50 % fis-suq tal-Unjoni matul il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami, minkejja l-eżistenza ta' dazju antidumping maħsub biex jirrimedja d-differenzi kompetittivi bejn iż-żewġ prodotti.

4.5. **Importazzjonijiet minn pajjiżi terzi minbarra mir-RPĊ**

(167) Il-volum tal-importazzjonijiet fl-Unjoni, kif ukoll is-sehem mis-suq u x-xejriet tal-prezzijiet għall-importazzjonijiet tal-prodott taħt rieżami minn pajjiżi terzi oħra jidhru fit-Tabella 5. Il-volum u x-xejriet tal-prezz huma bbażati fuq l-Artikolu 14(6) tad-data mill-bażi tad-data tar-Regolament bażiku.

Tabella 5

Importazzjonijiet minn pajjiżi terzi minbarra mir-RPĊ

	2014	2015	2016	2017	PIR
Importazzjonijiet minn pajjiżi terzi għajr ir-RPĊ (kg)	60 000-65 000	55 000-60 000	50 000-55 000	45 000-50 000	45 000-50 000
Indiċi (2014= 100)	*100*	*88*	*85*	*76*	*75*
Is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi	45-50 %	45-50 %	40-45 %	40-45 %	40-45 %
Indiċi (2014= 100)	*100*	*92*	*88*	*91*	*87*
Prezz medju tal-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi (EUR/kg)	50-55	65-70	65-70	55-60	55-60
Indiċi (2014= 100)	*100*	*129*	*124*	*113*	*111*

Sors: Bażi tad-data tal-Artikolu 14(6)

(168) Il-volumi tal-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħra naqsu b'25 % matul il-perjodu kkunsidrat.

(169) Is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħra matul l-istess perjodu naqas bi 13 %.

(170) Il-prezzijiet medji tal-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi għajr ir-RPĊ żdiedu bi 11 % matul il-perjodu kkunsidrat iżda baqgħu ferm aktar baxxi mil-livelli tal-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni, kif irrapportat fit-Tabella 10.

(171) Kif iddikjarat fil-premessa (28), il-prodott taħt rieżami huwa prodott biss fir-RPĊ u fl-Unjoni. Għalhekk, x'aktarx l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħra joriġinaw mir-RPĊ.

4.6. **Is-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni**

4.6.1. *Kummenti ġenerali*

(172) B'konformità mal-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku, l-analiżi tal-impatt li għandhom l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping fuq l-industrija tal-Unjoni tinkludi evalwazzjoni tal-indikaturi ekonomiċi kollha li għandhom effett fuq l-istat tal-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu kkunsidrat.

(173) Għad-determinazzjoni tad-dannu, il-Kummissjoni użat id-data taż-żewġ produtturi uniċi tal-Unjoni biex tistabbilixxi l-indikaturi tad-dannu.

(174) L-indikaturi tad-dannu huma: il-produzzjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni, l-użu tal-kapaċità, il-volum tal-bejgħ, is-sehem mis-suq, it-tkabbir, l-impjiegi, il-produttività, il-kobor tal-marġni ta' dumping u l-irkupru minn dumping preċedenti, kif ukoll il-prezzijiet medji ta' unità, il-kost unitarju, il-kostijiet lavorattivi, l-istokkijiet, il-profittabbiltà, il-fluss tal-flus, l-investimenti, ir-redditu fuq l-investimenti u l-abbiltà li jiġi ġġenerat il-kapital.

4.6.2. *L-indikaturi tad-dannu*

4.6.2.1. Produzzjoni, kapaċità tal-produzzjoni u użu tal-kapaċità

(175) Il-produzzjoni totali tal-Unjoni, il-kapaċità ta' produzzjoni u l-użu tal-kapaċità żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

Tabella 6

Il-produzzjoni, il-kapaċità ta' produzzjoni u l-użu tal-kapaċità

	2014	2015	2016	2017	PIR
Il-volum ta' produzzjoni (kg)	40 000-45 000	40 000-45 000	35 000-40 000	35 000-40 000	35 000-40 000
Indiċi (2014= 100)	*100*	*101*	*88*	*94*	*94*
Il-kapaċità tal-produzzjoni (kg)	100 000-110 000	100 000-110 000	100 000-110 000	100 000-110 000	100 000-110 000
Indiċi (2014= 100)	*100*	*100*	*100*	*100*	*100*
Użu tal-kapaċità	35-40 %	35-40 %	35-40 %	35-40 %	35-40 %
Indiċi (2014= 100)	*100*	*101*	*88*	*94*	*94*

Sors: Tweġibiet għall-kwestjonarji

(176) Il-volum tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni naqas b'6 % matul il-perjodu kkunsidrat f'konformità mat-tnaqqis tal-konsum tal-Unjoni. Kien hemm tnaqqis sinifikanti ta' 12 % fl-2016, iżda fis-sena segwenti l-produzzjoni żdiedet b'6 % u baqgħet fl-istess livell matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

(177) Il-kapaċità tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni baqgħet stabbli matul il-perjodu kkunsidrat.

(178) Kien hemm fluttwazzjoni fl-użu tal-kapaċità matul il-perjodu kkunsidrat. L-ewwel nett, dan żdied b'1 % bejn l-2014 u l-2015, iżda naqas bi 13 % fl-2016, u mbagħad żdied b'6 % fl-2017 u baqa' f'dan il-livell. B'mod ġenerali, ir-rata tal-użu tal-kapaċità baqgħet baxxa u żdiedet b'6 % matul il-perjodu kkunsidrat.

(179) Il-produzzjoni u l-użu tal-kapaċità tal-industrija tal-Unjoni naqsu b'6 %, wara x-xejra ta' tnaqqis tal-konsum tal-Unjoni ta' 14 %, iżda anke l-importazzjonijiet mir-RPĊ u l-pajjiżi terzi naqsu bi 3 % u 25 % rispettivament.

4.6.2.2. Il-volum tal-bejgħ u s-sehem mis-suq

(180) Il-volum tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni u s-sehem mis-suq żviluppaw kif ġej matul il-perjodu ta' analiżi:

Tabella 7

Il-volum ta ' bejgħ u s-sehem mis-suq

	2014	2015	2016	2017	PIR
Volum ta' bejgħ fis-suq tal-Unjoni (kg)	15 000-20 000	15 000-20 000	15 000-20 000	15 000-20 000	15 000-20 000
Indiċi (2014= 100)	*100*	*101*	*100*	*98*	*96*
Sehem mis-suq	10-15 %	10-15 %	10-15 %	15-20 %	15-20 %
Indiċi (2014= 100)	*100*	*106*	*105*	*118*	*111*

Sors: Tweġibiet għall-kwestjonarji

(181) Il-volum tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni naqas b'4 % matul il-perijodu kkunsidrat. It-tnaqqis segwa t-tnaqqis fil-konsum tal-Unjoni.

(182) L-industrija tal-Unjoni rnexxielha tikseb sehem mis-suq ta' 18 % bejn l-2014 u l-2017, iżda tilfet 7 % fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. B'mod ġenerali, matul il-perjodu kkunsidrat din żiedet is-sehem mis-suq tagħha bi 11 %.

4.6.2.3. Tkabbir

(183) Matul il-perjodu kkunsidrat, il-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni naqset b'6 % filwaqt li l-konsum tal-Unjoni naqas b'14 % u l-volum tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni naqas b'4 %. It-tnaqqis fil-volum tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu kkunsidrat għandu jitqies fil-kuntest tal-konsum li kien qed jonqos matul l-istess perjodu. Is-sehem mis-suq tal-Unjoni żdied bi 11 %.

4.6.2.4. L-impjiegi u l-produttività

(184) Matul il-perjodu kkunsidrat, l-impjiegi u l-produttività żviluppaw kif ġej:

Tabella 8

Impjiegi u produttività

	2014	2015	2016	2017	PIR
Għadd ta' impjegati (FTE)	40-50	40-50	40-50	40-50	40-50
Indiċi (2014= 100)	*100*	*98*	*100*	*106*	*106*
Produttività (kg/FTE)	900-1 000	900-1 000	800-900	800-900	800-900
Indiċi (2014= 100)	*100*	*103*	*88*	*88*	*89*

Sors: Tweġibiet għall-kwestjonarji

(185) Minkejja t-tnaqqis fil-produzzjoni, l-impjiegi tal-industrija tal-Unjoni żdiedu b'6 % matul il-perjodu kkunsidrat. Dan affettwa l-produttività tal-produtturi tal-Unjoni, li naqset bi 11 % matul il-perjodu kkunsidrat.

4.6.2.5. Prezzijiet u fatturi li jaffettwaw il-prezzijiet

(186) Il-prezzijiet medji tal-bejgħ u l-kost tal-produzzjoni tal-produtturi tal-Unjoni lil klijenti mhux relatati fl-Unjoni żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

Tabella 9

Il-prezzijiet tal-bejgħ fl-Unjoni

	2014	2015	2016	2017	PIR
Prezz medju tal-bejgħ għal kull tunnellata (EUR)	140-180	140-180	140-180	140-180	140-180
Indiċi (2014= 100)	*100*	*102*	*101*	*99*	*97*
Kost medju tal-produzzjoni għal kull tunnellata (EUR)	130-150	130-150	130-150	130-150	130-150
Indiċi (2014= 100)	*100*	*101*	*91*	*98*	*100*

Sors: Tweġibiet għall-kwestjonarji

(187) Kien hemm fluttwazzjoni fil-prezz medju tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni lil klijenti mhux relatati fl-Unjoni, iżda b'mod ġenerali naqas bi 3 % matul il-perjodu kkunsidrat filwaqt li l-kost tal-produzzjoni tagħha baqa' relattivament stabbli matul l-istess perjodu, b'żieda żgħira ta' 1 % fl-2015 segwita minn tnaqqis ta' 10 % fl-2016.

4.6.2.6. Il-kostijiet lavorattivi

(188) Matul il-perjodu kkunsidrat il-kostijiet lavorattivi medji tal-produtturi tal-Unjoni żviluppaw kif ġej:

Tabella 10

Il-kostijiet lavorattivi medji għal kull impjegat

	2014	2015	2016	2017	PIR
Kostijiet lavorattivi medji għal kull impjegat (FTE)(EUR)	52 007	55 772	52 157	54 719	52 362
Indiċi (2014= 100)	*100*	*107*	*100*	*105*	*101*

Sors: Tweġibiet għall-kwestjonarji

(189) Matul il-perjodu kkunsidrat, kien hemm fluttwazzjoni fil-kostijiet lavorattivi medji għal kull ħaddiem tal-industrija tal-Unjoni, iżda b'mod ġenerali żdiedu ftit b'1 %.

4.6.2.7. L-istokkijiet

(190) Il-livelli tal-istokk tal-produttur tal-Unjoni żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

Tabella 11

L-istokkijiet

	2014	2015	2016	2017	PIR
Stokkijiet tal-għeluq (kg)	3 500-4 000	3 500-4 000	2 500-3 000	2 300-2 800	2 500-3 000
Indiċi (2014= 100)	*100*	*106*	*71*	*67*	*81*

Sors: Tweġibiet għall-kwestjonarji

(191) Kien hemm fluttwazzjoni fil-livell tal-istokkijiet tal-għeluq matul il-perjodu kkunsidrat. B'mod ġenerali, dan naqas bi 19 % matul dan il-perjodu.

4.6.2.8. Il-profittabbiltà, il-fluss tal-flus, l-investimenti, ir-redditu fuq l-investimenti u l-kapaċità li jiġi ġġenerat kapital

(192) Il-Kummissjoni stabbiliet il-profittabbiltà tal-industrija tal-Unjoni billi esprimiet il-profitt nett qabel it-taxxa tal-bejgħ tal-prodott simili lil klijenti mhux relatati fl-Unjoni bħala perċentwal tal-fatturat ta' dak il-bejgħ.

(193) Matul il-perjodu kkunsidrat, il-profittabbiltà, il-fluss tal-flus, l-investimenti u r-redditu fuq l-investimenti tal-produtturi tal-Unjoni żviluppaw kif ġej:

Tabella 12

Il-profittabbiltà, il-fluss tal-flus, l-investimenti u r-redditu fuq l-investimenti

	2014	2015	2016	2017	PIR
Il-profittabbiltà tal-bejgħ fl-Unjoni lil klijenti mhux relatati (% tal-fatturat mill-bejgħ)	(– 10)-(– 5)	0-5	0-5	0-5	(– 5)-(0)
Indiċi (2014= 100)	*-100*	*11*	*50*	*34*	*– 11*
Likwidità (EUR)	30 000-35 000	300 000-350 000	400 000-450 000	500 000-550 000	(– 150 000)-(– 75 000)
Indiċi (2014= 100)	*100*	*1.065*	*1.329*	*1.681*	*-411*
Investimenti (EUR)	220 000-270 000	200 000-230 000	230 000-250 000	250 000-275 000	410 000-440 000
Indiċi (2014= 100)	*100*	*80*	*92*	*103*	*163*
Redditu fuq l-investimenti	(– 15)-(– 10)	(– 5)-(0)	5-10	5-10	0-5
Indiċi (2014= 100)	*– 100*	*– 23*	*74*	*64*	*4*

Sors: Tweġibiet għall-kwestjonarji

(194) Kien hemm fluttwazzjoni fil-profittabbiltà tal-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu kkunsidrat. Minkejja li din żdiedet fl-2015, fl-2016 u fl-2017, din waqgħet għal livell fejn kien qed isir telf matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

(195) Il-fluss tal-flus nett, il-kapaċità tal-industrija tal-Unjoni li tiffinanzja waħedha l-attivitajiet tagħha, naqas b'411 % matul il-perjodu kkunsidrat. Dan kien f'livell stabbli fl-2015, fl-2016 u fl-2017 iżda mbagħad naqas b'mod qawwi fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

(196) Matul il-perjodu kkunsidrat, kien hemm fluttwazzjoni fl-investimenti annwali fil-prodott simili li saru mill-industrija tal-Unjoni, iżda b'mod ġenerali żdiedu bi 63 %.

(197) Ir-redditu fuq l-investiment tal-industrija tal-Unjoni, il-profitt bħala perċentwal tal-valur kontabilistiku nett tal-assi, żdied b'104 % matul il-perjodu kkunsidrat iżda baqa' baxx ħafna fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

4.6.3. *Konklużjoni dwar is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni*

(198) L-investigazzjoni wriet li l-biċċa l-kbira tal-indikaturi ta' ħsara żviluppaw b'mod negattiv u li s-sitwazzjoni ekonomika u finanzjarja tal-industrija tal-Unjoni marret għall-agħar matul il-perjodu kkunsidrat.

(199) Bil-miżuri fis-seħħ, u f'suq li kien sejjer għall-agħar, l-industrija tal-Unjoni kienet kapaċi żżid is-sehem mis-suq tagħha bi 11 %, minkejja li l-prezzijiet tagħha naqsu.

(200) Il-produzzjoni u l-volum tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni segwew l-istess xejra negattiva bħall-konsum tal-Unjoni. Il-profittabbiltà żdiedet, iżda kienet għadha negattiva fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. Il-fluss tal-flus mar għall-agħar u kien negattiv matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. L-investimenti naqsu matul il-perjodu kkunsidrat. Ir-redditu fuq l-investimenti rkupra b'xi mod, iżda qabeż iż-żero bi ftit biss fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

(201) Il-profittabbiltà, il-fluss tal-flus u r-redditu fuq l-investimenti żviluppaw b'mod pożittiv fil-bidu tal-perjodu kkunsidrat. Madankollu, l-industrija tal-Unjoni reġgħet bdiet tagħmel it-telf fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

(202) Fl-istess ħin, l-importazzjonijiet mill-pajjiżi terzi naqsu kemm f'volumi assoluti kif ukoll fis-sehem mis-suq matul il-perjodu kkunsidrat. Minkejja t-tnaqqis fil-konsum tal-Unjoni, is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet Ċiniżi żdied b'4 % filwaqt li l-prezz tagħhom naqas. Għalkemm il-prezzijiet medji tal-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi kienu ftit ogħla mill-prezzijiet Ċiniżi li kienu baxxi ħafna, il-Kummissjoni ma setgħetx tikkonkludi jekk dawn l-importazzjonijiet oriġinawx fil-fatt mir-RPĊ, kif spjegat fil-premessa (171). Il-prezz medju tal-unità minn pajjiżi terzi huwa biss ftit ogħla mill-prezzijiet li bihom l-importazzjonijiet mir-RPĊ daħlu fis-suq tal-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. Konsegwentement, irrispettivament minn jekk l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi humiex fil-fatt mir-RPĊ jew le, is-sitwazzjoni ekonomika u finanzjarja li dejjem sejra għall-agħar tal-industrija tal-Unjoni tikkoinċidi mal-preżenza kontinwa ta' volumi rappreżentattivi ta' importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping mir-RPĊ fis-suq tal-Unjoni, li jkomplu jwaqqgħu b'mod sinifikanti l-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni u għalhekk komplew iqiegħdu pressjoni kompetittiva inġusta fuq l-industrija tal-Unjoni.

(203) Wara valutazzjoni ġenerali tal-fatturi tad-dannu, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-industrija tal-Unjoni kienet għadha qed issofri minn dannu materjali, peress li ma tejbitx is-sitwazzjoni ekonomika u finanzjarja tagħha u ma rkupratx mid-dannu materjali li l-Kummissjoni sabet fl-investigazzjoni oriġinali.

4.7. **Probabbiltà tal-kontinwazzjoni ta' ħsara**

(204) F'konformità mal-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat jekk id-dannu materjali mill-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping mir-RPĊ ikomplix f'każ li l-miżuri jitħallew jiskadu.

(205) Sabiex tiġi stabbilità l-probabbiltà ta' kontinwazzjoni tal-ħsara jekk il-miżuri kontra r-RPĊ jiġu rrevokati, il-Kummissjoni analizzat (i) il-kapaċità żejda disponibbli fir-RPĊ, (ii) l-attraenza tas-suq tal-Unjoni, u (iii) l-impatt tal-importazzjonijiet Ċiniżi fuq is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni f'każ li l-miżuri jitħallew jiskadu.

(a) ***Il-kapaċità żejda fir-RPĊ***

(206) Kif spjegat fil-premessi (140) sa (143), hemm kapaċità żejda sostanzjali tal-prodott taħt rieżami fir-RPĊ, li taqbeż b'mod sinifikanti l-konsum totali tal-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

(207) Barra minn hekk, il-Kummissjoni ma sabet l-ebda element li jista' jindika xi żieda sinifikanti fid-domanda domestika tal-prodott taħt rieżami fir-RPĊ jew fi kwalunkwe suq ta' pajjiż terz ieħor fil-futur qrib. Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li d-domanda domestika fir-RPĊ jew fi swieq ta' pajjiżi terzi oħra ma setgħetx tassorbi l-kapaċità żejda disponibbli fir-RPĊ.

(b) ***Kemm hu attraenti s-suq tal-Unjoni***

(208) Kif spjegat fil-premessi minn (144) sa (145), is-suq tal-Unjoni huwa suq attraenti għall-produtturi esportaturi mir-RPĊ. Is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet mir-RPĊ kien ta' 76,2 % matul il-perjodu tal-investigazzjoni oriġinali (2001 – 2005), li juri l-livell possibbli tal-importazzjonijiet mir-RPĊ f'każ li l-miżuri kellhom jiskadu.

(209) L-importazzjonijiet mir-RPĊ, minbarra d-dazju anti-dumping, kienu jwaqqgħu l-prezzijiet tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni b'60 % fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. Din hija indikazzjoni ta' kif x'aktarx ikun il-livell tal-prezzijiet tal-importazzjonijiet mir-RPĊ f'każ li l-miżuri jiġu rrevokati. Abbażi ta' dan, huwa probabbli li l-pressjoni fuq il-prezzijiet fis-suq tal-Unjoni tiżdied f'każ li l-miżuri jiġu rrevokati, li b'hekk twassal biex l-industrija tal-Unjoni ssofri aktar ħsara.

(210) Fuq din il-bażi, fin-nuqqas ta' miżuri, il-produtturi esportaturi mir-RPĊ huma probabbli li jżidu l-preżenza tagħhom fis-suq tal-Unjoni, kemm f'termini tal-volum kif ukoll f'termini tas-sehem mis-suq, u bi prezzijiet li huma l-oġġett ta' dumping li jwaqqgħu b'mod sinifikanti l-prezzijiet tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni.

(c) ***L-impatt fuq l-industrija tal-Unjoni***

(211) Il-preżenza kontinwa ta' importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping mir-RPĊ fis-suq tal-Unjoni u l-politika tagħhom ta' prezzijiet baxxi ma ħallewx lill-industrija tal-Unjoni tibbenefika b'mod sħiħ mill-miżuri eżistenti anti-dumping u tirkupra minn prattiki ta' dumping ta' ħsara tal-passat. Minħabba l-preżenza ta' dawn l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping, l-industrija tal-Unjoni ma rnexxilhiex tirrifletti l-kostijiet tagħha fil-prezzijiet tal-bejgħ tagħha, li kkawża deterjorament sinifikanti tal-profitabbiltà tagħha għal livelli fejn kien qed isir telf fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

(212) F'każ li l-miżuri jiġu rrevokati, l-industrija tal-Unjoni mhux se tkun kapaċi żżomm il-volum tal-bejgħ u s-sehem mis-suq tagħha kontra importazzjonijiet bi prezz baxx mir-RPĊ. Hemm probabbiltà kbira li s-sehem mis-suq tar-RPĊ jiżdied b'mod rapidu f'każ li l-miżuri jitħallew jiskadu. It-telf ulterjuri ta' volum tal-bejgħ iwassal għal rata ta' użu saħansitra aktar baxxa u żieda fil-kost medju tal-produzzjoni. Flimkien ma' pressjoni akbar fuq il-prezzijiet, peress li t-twaqqigħ jaqbeż 60 % mingħajr miżuri, dan iwassal għal deterjorament ulterjuri tas-sitwazzjoni finanzjarja diġà prekarja tal-industrija tal-Unjoni u, fl-aħħar mill-aħħar, l-għeluq tas-siti tal-produzzjoni, u eventwalment l-għajbien tal-industrija fi kwalunkwe post barra mir-RPĊ.

(213) Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li hemm probabbiltà kbira li l-iskadenza tal-miżuri eżistenti twassal għal kontinwazzjoni ta' dannu mill-importazzjonijiet mir-RPĊ u li s-sitwazzjoni diġà prekarja tal-industrija tal-Unjoni x'aktarx li tkompli tiddeterjora.

4.8. **Konklużjoni**

(214) Ir-revoka tal-miżuri probabbilment tirriżulta f'żieda sinifikanti ta' importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping mir-RPĊ bi prezzijiet li jwaqqgħu b'mod sinifikanti l-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni. Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li hemm probabbiltà kbira ta' kontinwazzjoni ta' ħsara f'każ li l-miżuri jiġu rrevokati.

5. L-INTERESS TAL-UNJONI

(215) F'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat jekk iż-żamma tal-miżuri anti-dumping eżistenti tmurx kontra l-interess tal-Unjoni b'mod ġenerali.

(216) Il-Kummissjoni bbażat id-determinazzjoni tal-interess tal-Unjoni abbażi ta' evalwazzjoni tal-interessi varji kollha involuti, inklużi dawk tal-industrija, tal-importaturi u tal-utenti tal-Unjoni. Il-partijiet interessati kollha ngħataw l-opportunità li jesprimu l-fehmiet tagħhom skont l-Artikolu 21(2) tar-Regolament bażiku.

(217) Fuq din il-bażi l-Kummissjoni eżaminat jekk, minkejja l-konklużjonijiet dwar il-probabbiltà ta' kontinwazzjoni ta' dumping u dannu, eżistewx raġunijiet konvinċenti li wasslu għall-konklużjoni li ma kienx fl-interess tal-Unjoni li jinżammu l-miżuri eżistenti.

5.1. **Interess tal-industrija tal-Unjoni**

(218) L-investigazzjoni wriet li f'każ li l-miżuri jiġu rrevokati, hemm probabbiltà kbira li s-sitwazzjoni fraġli tal-industrija tal-Unjoni tkompli tiddeterjora b'mod sinifikanti. Dan jista' jwassal għall-għajbien tagħha u għall-monopolizzazzjoni tas-suq miċ-Ċiniżi.

(219) Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-kontinwazzjoni tal-miżuri kontra r-RPĊ tkun ta' benefiċċju għall-industrija tal-Unjoni.

5.2. **L-interess tal-importaturi u l-utenti mhux relatati**

(220) Kif indikat fil-premessi (14) u (17), importatur wieħed u utent wieħed biss xtaqu li jkunu rreġistrati bħala partijiet interessati u l-ebda wieħed minnhom ma ssottometta xi kumment f'din l-investigazzjoni. Il-livell baxx ta' kooperazzjoni mill-importaturi u l-utenti, f'konformità mas-sejbiet tar-rieżami ta' skadenza preċedenti, jista' jiġi spjegat bl-impatt baxx tal-prodott taħt rieżami dwar l-ispejjeż tal-produzzjoni tagħhom. Jidher li l-prodott huwa meqjus bħala prodott bażiku u li l-prezz u l-kapaċità tiegħu li jforni t-tipi kollha meħtieġa minn fornitur wieħed huma l-kriterji primarji għall-klijenti. Minħabba dak li jidher bħala impatt marġinali tal-prodott taħt rieżami fuq il-kostijiet tal-prodotti downstream, ġie konkluż li l-miżuri ma jolqtux b'mod ħażin lill-importaturi u lill-utenti.

5.3. **Konklużjoni dwar l-interessi tal-Unjoni**

(221) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li ma hemmx raġunijiet konvinċenti biex jiġi konkluż li ma huwiex fl-interess tal-Unjoni li l-miżuri anti-dumping eżistenti jiġu estiżi fuq l-importazzjonijiet tal-prodott taħt rieżami li joriġinaw mir-RPĊ.

6. **MIŻURI ANTIDUMPING**

(222) Abbażi tal-konklużjonijiet li waslet għalihom il-Kummissjoni dwar il-probabbiltà ta' kontinwazzjoni ta' dumping u ħsara u l-interess tal-Unjoni, il-miżuri antidumping applikabbli għall-importazzjonijiet ta' elettrodi tat-tungstenu li joriġinaw mir-RPĊ għandhom jinżammu.

(223) Ir-rati tad-dazju anti-dumping tal-kumpaniji individwali speċifikati f'dan ir-Regolament japplikaw biss għall-importazzjonijiet tal-prodott taħt rieżami mmanifatturat minn dawn il-kumpaniji u għaldaqstant mill-entitajiet legali speċifiċi msemmija. L-importazzjonijiet tal-prodott li qed jiġi rieżaminat immanifatturat minn kull kumpanija oħra mhux imsemmija speċifikament fil-parti operattiva ta' dan ir-Regolament bl-isem u l-indirizz tagħha, inklużi entitajiet relatati ma' dawk imsemmija speċifikament, ma jistgħux jibbenefikaw minn dawn ir-rati u jkunu soġġetti għar-rata tad-dazju applikabbli għall-"kumpaniji l-oħra kollha".

(224) Kwalunkwe talba għall-applikazzjoni ta' dawn ir-rati tad-dazju anti-dumping individwali (eż. wara bidla fl-isem tal-entità jew wara l-istabbiliment ta' entitajiet ġodda tal-produzzjoni jew tal-bejgħ) jenħtieġ li tiġi indirizzata lill-Kummissjoni ([69]) minnufih bl-informazzjoni rilevanti kollha. B'mod partikolari, kwalunkwe modifika fl-attivitajiet tal-kumpanija relatati mal-produzzjoni, il-bejgħ domestiku u għall-esportazzjoni assoċjat ma', pereżempju, il-bidla fl-isem jew dik il-bidla fl-entitajiet tal-produzzjoni u tal-bejgħ. Jekk ikun xieraq, ir-Regolament imbagħad se jiġi emendat skont dan bl-aġġornament tal-lista tal-kumpaniji li jkunu qegħdin jibbenefikaw mir-rati tad-dazju individwali.

(225) Fid-dawl tal-Artikolu 109 tar-Regolament 2018/1046 ([70]), meta ammont irid jiġi rimborżat wara sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, ir-rata tal-imgħax għandha tkun ir-rata applikata mill-Bank Ċentrali Ewropew għall-operazzjonijiet ta' rifinanzjament prinċipali tiegħu, kif ippubblikat fis-serje C ta' Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea fl-ewwel jum kalendarju ta' kull xahar.

(226) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat stabbilit permezz tal-Artikolu 15(1) tar-Regolament bażiku,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Dazju definittiv anti-dumping huwa b'hekk impost fuq l-importazzjonijiet ta' elettrodi tungstenu tal-iwweldjar, inklużi biċċiet u vireg tat-tungstenu għall-iwweldjar tal-elettrodi, li fihom 94 % jew aktar bil-piż ta' tungstenu, ħlief dawk magħmulin sempliċement minn tgħaqqid bis-shana, kemm jekk maqtugħin għat-tul, u li bħalissa jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM ex 8101 99 10 u ex 8515 90 80 (kodiċijiet TARIC 8101 99 10 10 u 8515 90 80 10) u li joriġinaw fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina.

2. Ir-rata tad-dazju anti-dumping definittiv applikabbli għall-prezz nett ħieles fil-fruntiera tal-Unjoni, qabel id-dazju, tal-prodott deskritt fil-paragrafu 1 u manifatturat mill-kumpaniji elenkati hawn taħt, għandha tkun kif ġej:

Kumpanija	Dazju	Kodiċi TARIC addizzjonali
Shandong Weldstone Tungsten Industry Co., Ltd	17.0 %	A754
Shaanxi Yuheng Tungsten & Molybdenum Industrial Co., Ltd	41.0 %	A755
Beijing Advanced Metal Materials Co., Ltd	38.8 %	A756
Il-kumpaniji l-oħra kollha	63.5 %	A999

([69]) Il-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali għall-Kummerċ, Direttorat H, B-1049 Brussell, il-Belġju.
([70]) Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012, ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.

3. L-applikazzjoni tar-rati tad-dazju individwali speċifikati għall-kumpaniji msemmija fil-paragrafu 2 għandha tkun kundizzjonali fuq il-preżentazzjoni ta' fattura kummerċjali valida lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri, li fuqha għandha tidher dikjarazzjoni datata u ffirmata minn uffiċjal tal-entità li toħroġ din il-fattura, identifikat/a b'ismu/b'isimha u bil-kariga, abbozzata kif ġej: *"Jien, is-sottoskritt, niċċertifika li l-(volum) tal-elettrodi tat-tungstenu mibjugħa sabiex jiġu esportati lejn l-Unjoni Ewropea koperti minn din il-fattura ġew immanifatturati minn (isem il-kumpanija u l-indirizz) (kodiċi addizzjonali TARIC) fi [pajjiż ikkonċernat]. Jiena niddikjara li l-informazzjoni mogħtija f'din il-fattura hi sħiħa u korretta."* Jekk ma tiġix ippreżentata fattura bħal din, għandu japplika d-dazju applikabbli għall-kumpaniji l-oħrajn kollha.

4. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet fis-seħħ dwar id-dazji doganali.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Lulju 2019

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER